



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 3.8.2012
COM(2012) 443 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**L-impatti possibbli fuq il-Migrazzjoni u s-Sigurtà mil-Liberalizzazzjoni Futura tal-Viża
għar-Repubblika tal-Moldova fuq l-Unjoni Ewropea**

Valutazzjoni preliminari

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

L-impatti possibbli fuq il-Migrazzjoni u s-Sigurtà mil-Liberalizzazzjoni Futura tal-Viża għar-Repubblika tal-Moldova fuq l-Unjoni Ewropea

Valutazzjoni preliminari

1 - INTRODUZZJONI

1.1. Kuntest

Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża (PALV) ġie ppreżentat lill-awtoritajiet Moldovani mill-Kummissjoni fl-24 ta' Jannar 2011. Il-Kummissjoni rrapportat b'mod regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-PALV. L-ewwel Rapport ta' Progress ġie ppreżentat fis-16 ta' Settembru 2011¹. It-Tieni Rapport ta' Progress ġie ppreżentat fid-9 ta' Frar 2012². Il-Kummissjoni adottat Rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni mir-Repubblika tal-Moldova tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża fit-22 ta' Ġunju 2012³.

Skont il-metodoloġija tal-PALV, il-Kummissjoni kienet mitluba tipprovdi wkoll "valutazzjoni usa' ta' impatti possibbli fuq il-migrazzjoni u s-sigurtà mil-liberalizzazzjoni tal-viża għal ċittadini tal-Moldova li jivvjaġġaw lejn l-UE".

1.2. Metodoloġija

Biex tipprepara din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni involviet l-Aġenziji relevanti tal-UE u l-partijiet interessati li l-kontribuzzjonijiet tagħhom kienu meqjusa bħala meħtieġa, partikolarment il-Europol, il-Missjoni tal-UE ta' Assistenza fil-Fruntiera bejn il-Moldova u l-Ukraina (EUBAM), il-Frontex u l-Istitut Ewropew tal-Università - Ċentru tal-Politika dwar il-Migrazzjoni (EUI). Fit-12 ta' Ottubru 2011 il-Kummissjoni kellha laqgħa bil-parteċipazzjoni tagħhom. F'Jannar tal-2012 il-Europol⁴, il-EUBAM⁵, il-Frontex⁶ kif ukoll l-EUI⁷ taw il-valutazzjoni tagħhom dwar l-impatti possibbli migratorji u/jew fuq is-sigurtà tal-liberalizzazzjoni futura tal-viża.

¹ Ara SEC(2011) 1075 finali (mhux disponibbli bil-Malti).

² Ara SWD(2012) 12 finali (mhux disponibbli bil-Malti).

³ Ara COM(2012) 348 finali (mhux disponibbli bil-Malti).

⁴ Is-sejbiet ippreżentati fil-kontribuzzjoni tal-Europol huma msejsa fuq l-informazzjoni disponibbli għall-Aġenzija. Il-kontribuzzjoni ma tirrappreżentax valutazzjoni eżawrjenti tat-theddida mill-kriminalità organizzata tal-Moldova.

⁵ Il-kontribuzzjoni tal-EUBAM iffukat fuq l-analiżi tas-sitwazzjoni fil-fruntiera komuni bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukraina.

⁶ L-analiżi tar-riskju li wettqet il-Frontex apposta hi msejsa fuq il-Mudell Komuni tal-Analiżi tar-Riskju Integrat. Id-dejta nġabret permezz tan-Netwerk tal-Frontex tal-Analiżi tar-Riskju (FRAN) u n-Netwerk tal-Frontex tal-Analiżi tar-Riskju dwar il-Fruntieri tal-Lvant (EBRAN). Barra minn hekk, intużaw ir-rapporti tal-Frontex stess u d-dejta li nġabret waqt l-operazzjonijiet konġunti tal-Frontex, id-dejta statistika li hi disponibbli pubblikament u intelligence minn sorsi miftuħa.

⁷ Il-konkluzzjonijiet tal-EUI huma msejsa fuq dejta kwalitattiva primarja u sekondarja: l-istħarriġ Delphi tal-esperti li sar f'Diċembru tal-2011; Intervisti kwalitattivi mal-migranti mill-Moldova fil-Ġermanja, l-Italja u l-Polonja kif ukoll intervisti mal-migranti potenzjali fir-Repubblika tal-Moldova; u revizzjoni tal-gafas legali.

Intalbet ukoll kontribuzzjoni mir-Repubblika tal-Moldova waqt Laqgħa għall-Uffiċjali Anzjani fis-7 ta' Ottubru 2011. Il-kontribuzzjoni mir-Repubblika tal-Moldova waslet f'Jannar tal-2012. Il-kwistjoniet ġiet sussegwentement diskussa waqt il-Laqgħa għall-Uffiċjali Anzjani fis-27 ta' Frar 2012, wara li waslet informazzjoni aġġornata. Ġiet organizzata laqgħa ta' segwitu mal-Aġenziji rilevanti tal-UE u l-partijiet interessati fit-23 ta' April 2012, u waslu kummenti u informazzjoni addizzjonali f'Mejju u Ġunju tal-2012 li fuqhom ġiet imsejsa l-konklużjoni tal-valutazzjoni.

F'dan il-kuntest huwa importanti li wieħed jenfasizza li l-kontribuzzjonijiet li waslu ma kenux neċessarjament qed jippuntaw lejn l-istess direzzjoni, u li, skont l-informazzjoni kurrenti u wara l-esperjenzi tal-passat, l-impatt possibbli ta' liberalizzazzjoni tal-viża għar-Repubblika tal-Moldova mhux se jkun l-istess għal kull Stat Membru tal-UE.

Ibbażat fuq il-kontribuzzjonijiet li waslu, il-valutazzjoni preżenti għandha l-għan li tidentifika **l-fenomeni ewlenin u x-xejriet ewlenin** fl-oqsma tal-**migrazzjoni, il-mobbiltà u s-sigurtà** fejn tidħol ir-Repubblika tal-Moldova u l-impatt possibbli li reġim ħieles mill-viżi jista' jkollu fuqhom. Tidentifika wkoll **miżuri li għandhom jitqiesu** mir-Repubblika tal-Moldova kif ukoll, fejn rilevanti, mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

Din il-valutazzjoni tirrifletti s-sitwazzjoni attwali minn Ġunju 2012. Is-sejbiet ippreżentati f'dan id-dokument jeħtieġ li jiġu aġġornati wara riformi leġislattivi, politiċi u istituzzjonali li għandhom jiġu implimentati mir-Repubblika tal-Moldova skont il-PALV. Il-valutazzjoni preżenti għalhekk tirrappreżenta **stampa preliminari** tas-sitwazzjoni fl-istat kurrenti tal-implimentazzjoni tal-PALV. Hi mistennija li tinbidel u potenzjalment titjieb sostanzjalment, wara l-implimentazzjoni effettiva tal-PALV. Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja l-implimentazzjoni progressiva tal-PALV, u tippreżenta s-sejbiet tagħha fil-kuntest tar-rapporti regolari tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2 - IR-REĠIMI LEGALI RILEVANTI LI BĦALISSA HUMA FIS-SEĦĦ

2.1. Kuntest

L-għan tad-djalogu dwar il-viża bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova huwa li jwitti t-triq għar-rinunzja tal-obbligu tal-viża għal żjajjar qosra għaċ-ċittadini tal-Moldova li jivvjaġġaw lejn iż-żona ta' Schengen. Tali eżenzjoni mill-viża se tkun irregolata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa. F'dan il-kuntest, huwa rilevanti li wieħed jiftakar li l-Kummissjoni ppreżentat fl-24 ta' Mejju 2011, proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001⁸. Din il-proposta, li bħalissa qed tiġi diskussa fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill, għandha l-għan li tistabbilixxi **mekkaniżmu għas-sospensjoni temporanja** tal-eżenzjoni mill-viża għal pajjiżi terz elenkat fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 f'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza, fejn ikun hemm bżonn rispons urġenti sabiex jiġu solvuti d-diffikultajiet li jħabbat wiċċu magħhom Stat Membru wieħed jew aktar, u b'kunsiderazzjoni tal-impatt ġenerali tas-sitwazzjoni ta' emerġenza fuq l-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.

Il-liberalizzazzjoni tal-viża ma tbiddilx il-kundizzjonijiet għal dħul u permanenza stabbiliti fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen⁹ għal permanenzi qosra u fil-liġi nazzjonali

⁸ Ara COM(2011) 290 finali (mhux disponibbli bil-Malti).

⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1).

għal permanenzi twal. Il-liberalizzazzjoni tal-viża ma tfissirx dritt awtomatiku ta' dħul u permanenza għaċ-ċittadini tal-Moldova. Lanqas ma tfisser nuqqas ta' kontrolli tal-kundizzjonijiet għal dħul u permanenza. B'mod partikolari, anke wara l-introduzzjoni ta' reġim ħieles mill-viża għal perjodu qasir, iċ-ċittadini tal-Moldova, meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri, ikollhom jiġġustifikaw, fost l-oħrajn, billi jipprovdu evidenza dokumentarja, l-għan u l-kundizzjonijiet tal-vjaġġ tagħhom kif ukoll l-intenzjoni tagħhom li jħallu t-territorju ta' Stat Membru qabel ikun skada l-perjodu massimu awtorizzat ta' permanenza (90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum). Minkejja dan, il-liberalizzazzjoni tal-viża ser tnaqqas iż-żmien ta' tħejjija u l-ispejjeż assoċjati mal-vjaġġi lejn iż-żona ta' Schengen.

Il-PALV jindika li l-eżenzjoni tal-viża għandha tapplika biss għaċ-ċittadini tal-Moldova li għandhom **passaporti bijometriċi**, għalhekk riskji relatati mal-eżenzjoni tal-viża għal passaporti mhux bijometriċi mhumiex analizzati.

2.2. Reġim tal-viża applikat mill-UE fejn tidħol ir-Repubblika tal-Moldova

Bħalissa, iċ-ċittadini tal-Moldova huma suġġetti għall-obbligu tal-viża, bl-eċċezzjoni ta' ċerti kategoriji limitati ta' persuni, li huma eżentati minn dak l-obbligu taħt il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża jew skont il-liġi nazzjonali (bħad-detenturi tal-passaporti diplomatiċi u tas-servizz u membri tal-ekwipaġġ ta' titjiriet ċivili). Il-ħruġ ta' viżi għal permanenzi qosra huwa rregolat minn Ftehim għall-faċilitazzjoni tal-viża u l-Kodiċi dwar il-Viżi.

Il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008. Il-Kumitat Konġunt li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viża regolarment indirizza l-kwistjoni tal-frodi f'dokumenti ta' appoġġ. Ir-Repubblika tal-Moldova irrapportat li ħatret punti ta' kuntatt fi ħdan l-amministrazzjoni tagħha biex jippermettu lill-konsulati tal-Istati Membri biex jivverifikaw bil-ħeffa l-awtentiċità ta' ċerti kategoriji ta' dokumenti ta' appoġġ. Matul l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Konġunt tal-Faċilitazzjoni tal-Viża f'Chisinau fit-23 ta' Mejju 2012, bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri tal-UE, il-Kummissjoni rreġistrat implimentazzjoni tal-ftehim li kollox ma' kollox kien sodisfaċenti.

Fir-rigward tan-numru ta' **viżi għal permanenza qasira maħruġa mill-Istati ta' Schengen** fir-Repubblika tal-Moldova: fl-2008, inħarġu 28.911 viżi għal permanenzi qosra, fl-2009 inħarġu 33.820, fl-2010 inħarġu 45.612 u fl-2011 inħarġu 49.296. Fl-2008 12,1% tal-applikazzjonijiet tal-viża għal permanenza qasira ġew irrifjutati, fl-2009 10,15%, fl-2010 11,43%, u fl-2011 9,7%. Dawn ir-rati huma ogħla mir-rati medji globali rifjutati li kienu 6,68% (fl-2009), 5,79% (fl-2010) u 5,5% (fl-2011).

Fir-rigward tan-numru ta' **viżi nazzjonali għal permanenza qasira maħruġa mill-Bulgarija, ir-Rumanija u Ċipru** fir-Repubblika tal-Moldova: fl-2009 inħarġu 31.657 viżi għal permanenza qasira mill-Bulgarija, 65.042 inħarġu mir-Rumanija u 900 minn Ċipru; fl-2010 40.898 mill-Bulgarija, 92.556 mir-Rumanija u 539 minn Ċipru; fl-2011 52.209 mill-Bulgarija u 50.836 mir-Rumanija. L-ebda ċifra ma hi disponibbli għal Ċipru għall-2011. Fl-2009, ir-rata tar-rifjut tal-viża kienet 7,49% (il-Bulgarija), 4,45% (ir-Rumanija) u 1,52% (Ċipru). Fl-2010, ir-rata tar-rifjut tal-viża kienet 1,30% (il-Bulgarija), 6,89% (ir-Rumanija) u 7,39% (Ċipru). Fl-2011, ir-rata tar-rifjut tal-viża kienet 0,58% (il-Bulgarija) u 7,61% (ir-Rumanija). L-ebda ċifra ma hi disponibbli għal Ċipru għall-2011.

Fl-2011, skont l-informazzjoni pprovduta minn xi Stati Membri, il-ġustifikazzjonijiet ewlenin għar-rifjut kienu li dik il-ġustifikazzjoni għall-fini u l-kundizzjonijiet tal-permanenza prevista ma kinitx ipprovduta jew mhux affidabbli u li l-applikanti ma kinux kapaċi juru b'mod konvinċenti l-motivazzjoni tagħhom għar-ritorn fir-Repubblika tal-Moldova.

Ftehim emendat għall-Faċilitazzjoni tal-Viża bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova kien iffirmat fis-27 ta' Ġunju 2012.

2.3. Ftehim ta' Riammissjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova u r-reġim ta' riammissjoni applikat mir-Repubblika tal-Moldova

Ftehim ta' Riammissjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova

Ftehim ta' Riammissjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova jippermetti ritorn malajr u ffaċilitat tal-migranti irregolari fuq bażi reċiproka, u, bħala tali, jikkontribwixxi għal tnaqqis ta' riskju ta' migrazzjoni irregolari bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-UE. Il-ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008. Ir-Repubblika tal-Moldova b'hekk aċċettat, u qed timplimenta, obbligi ċari u termini dwar ir-Riammissjoni taċ-ċittadini tagħha li ma jissodisfawx, jew m'għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għal dħul, jew permanenza fit-territorju tal-Istati Membri tal-UE, kif ukoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat li dahl illegalment u direttament fit-territorju tal-Istati Membri wara li jkunu qagħdu, jew għamlu tranżitu mit-territorju tar-Repubblika tal-Moldova, jew li jkollhom viża jew permess ta' residenza maħruġ mir-Repubblika tal-Moldova.

L-Istati Membri jirrapportaw regolarment dwar l-implimentazzjoni ġenerali sodisfaċenti tal-Ftehim ta' Riammissjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova. Dan huwa kkonfermat fil-laqgħat mill-Kumitat Konġunt ta' Riammissjoni, fejn iż-żewġ naħat jiskambjaw informazzjoni dwar l-implimentazzjoni, u fejn sa issa ma kienu tqajmu l-ebda problemi partikolari. Matul l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni f'Chisinau fit-23 ta' Mejju 2012, bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri tal-UE, il-Kummissjoni rreġistrat implimentazzjoni tal-Ftehim li kollox ma' kollox kien sodisfaċenti.

Ir-Repubblika tal-Moldova kkonkludiet ukoll Protokolli bilaterali ta' Implimentazzjoni skont Ftehim ta' Riammissjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova. Il-protokolli ta' implimentazzjoni dahl fis-seħħ mal-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, ir-Rumanija u s-Slovakkja. In-negozjati mal-Bulgarija, l-Italja, il-Polonja, l-Olanda (li n-negozjat ukoll f'isem il-Belġju u l-Lussemburgu) ġew finalizzati. Għaddejjin in-negozjati ma' Ċipru, il-Portugall u Spanja. In-negozjati jistgħu possibbilment jibdew fil-futur, sakemm issir il-konsiderazzjoni li għaddejja, mal-Finlandja, l-Irlanda, l-Isvezja u r-Renju Unit.

Id-Danimarka kif ukoll l-Isvizzera kkonkludew Ftehimiet ta' Riammissjoni mar-Repubblika tal-Moldova.

Ir-Repubblika tal-Moldova qed tikseb riżultati kostanti f'dan il-qasam u għandhom jiġu segwiti iktar l-isforzi konsiderevoli f'dan ir-rigward lejn konklużjoni rapida tat-taħdidiet pendenti mal-Istati Membri.

Reġim ta' riammissjoni applikat mir-Repubblika tal-Moldova

Minbarra l-Ftehim ta' Riammissjoni mal-UE, ir-Repubblika tal-Moldova diġà kkonkludiet jew tinsab fil-proċess li tinneogzja ftehimiet ta' riammissjoni ma' diversi pajjiżi terzi. Il-Ftehimiet ta' Riammissjoni huma diġà fis-seħħ man-Norveġja, l-Ukraina u l-FYROM. Ir-Repubblika tal-Moldova ffirmat Ftehimiet ta' Riammissjoni mas-Serbja, il-Bosnja-Herzegovina u l-Montenegro. Għaddejjin negozjati mat-Turkija, l-Ukraina (sabiex tissostitwixxi l-Ftehim ta' Riammissjoni tal-1997), l-Albanija, il-Federazzjoni Russa u l-Azerbajġan u jistgħu jibdew fi żmien qair mal-Libanu. Ir-Repubblika tal-Moldova għandha tikkunsidra li tiftaħ negozjati għal ftehimiet ta' riammissjoni ma' pajjiżi oħra importanti ta' tranżitu fil-viċinat tagħha kif ukoll ma' pajjiżi li huma sors ta' migrazzjoni.

2.4. Ftehim dwar it-Traffiku Lokali tal-Fruntiera bejn ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Moldova

Il-Ftehim dwar it-Traffiku Lokali tal-Fruntiera bejn ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Moldova (LBT) daħal fis-seħħ f'Ottubru 2010. Skont it-Tieni rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament tar-reġim tat-traffiku lokali tal-fruntiera stabbilit permezz tar-Regolament Nru 1931/2006¹⁰, il-Ftehim LBT bejn ir-Rumanija u r-Repubblika tal-Moldova jikkonforma kompletament mar-Regolament LBT.

2.5. Reġim tal-viża applikat mir-Repubblika tal-Moldova

Il-pajjiżi li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati milli jkollhom viża biex jidħlu r-Repubblika tal-Moldova sa 90 jum huma: l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea, il-Kanada, is-Santa Sede, l-Islanda, il-Ġappun, Andorra, Monaco, il-Liechtenstein, in-Norveġja, San Marino, l-Iżrael, l-Isvizzera, l-Istati Uniti tal-Amerika, l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Belarus, il-Ġeorġja, il-Kazakistan, il-Kirgiżistan, il-Federazzjoni Russa, it-Taġikistan, l-Ukraina u l-Uzbekistan.

L-obbligu li wieħed japplika għal viża huwa abolit għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi u tas-servizz tal-Albanija, il-Brażil, il-Bosnja-Herzegovina, il-Kroazja, il-Montenegro, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Perù, is-Serbja, it-Turkija u l-Vjetnam (għal permanenzi sa 90 ġurnata) u taċ-Ċina, l-Iran u t-Turkmenistan (għal permanenzi sa 30 ġurnata).

Għaddejjin negozjati ta' reġim possibbilment ħieles mill-viża maċ-Ċili, il-Messiku, is-Serbja u t-Turkija.

3 - IMPATTI MIGRATORJI POSSIBBLI TA' LIBERALIZZAZZJONI FUTURA TAL-VIŻI

3.1. Is-sitwazzjoni attwali

Flussi migratorji b'mod ġenerali

Ir-Repubblika tal-Moldova tokkupa wieħed mill-ewwel postijiet fil-lista ta' pajjiżi dipendenti fuq ir-rimessi (ir-4 post fil-klassifika tas-sehem mir-rimessi fil-PDG¹¹) u, konsegwentement, dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema. Wieħed jara l-emigrazzjoni bħala alternattiva importanti għall-għajxien tiegħu.

Id-destinazzjonijiet ewlenin tal-migranti tal-Moldova huma l-pajjiżi tal-KSI (prinċipalment il-Federazzjoni Russa) u l-Istati Membri tal-UE. It-Turkija, l-Istati Uniti tal-Amerika, il-Kanada u l-Iżrael huma wkoll destinazzjonijiet importanti. Fi ħdan l-UE, il-pajjiżi ewlenin ta' destinazzjoni huma l-Italja, Spanja, il-Portugall, il-Ġermanja, ir-Rumanija, ir-Repubblika Ċeka u l-Greċja¹².

Skont id-dejta tal-EUROSTAT, in-numru ta' ċittadini mill-Moldova rreġistrati fl-Istati Membri tal-UE żdied b'mod kontinwu minn 89.033 fl-2006 għal 190.857 fl-2011. Din iż-żieda tista' tkun l-aktar minħabba programmi ta' regolarizzazzjoni fi Stati Membri differenti u permezz tal-implimentazzjoni tal-Ftehim tax-Xogħol tal-2011 mal-Italja. Għal din ir-raġuni, jidher li dawn iż-żidiet progressivi fin-numru ta' migranti ma għandhomx neċessarjament jiġu kkunsidrati bħala indikazzjoni ta' żidiet attwali fil-flussi tal-migrazzjoni mir-Repubblika tal-

¹⁰ Ara COM(2011) 47 finali (mhux disponibbli bil-Malti).

¹¹ Id-definizzjoni ta' migrant li tintuża mir-Repubblika tal-Moldova biex tikkalkula rimessi hija pjuttost wiesgħa – tinkludi permanenzi ta' 6 xhur jew aktar, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jibbażaw il-kalkolu fuq permanenzi ta' mill-inqas 12-il xahar.

¹² Dejta disponibbli fuq <http://www.carim-east.eu/900/moldovan-emigration-stocks-residing-in-the-european-union-by-country-of-residence-most-recent-data-circa-2010>.

Moldova. Indikaturi dwar viżi maħruġa, il-flussi regolari ta' passiġġieri, rifjuti tad-dħul, l-użu ta' dokumenti foloz, permanenza illegali u qsim illegali tal-fruntiera jindikaw xejra pjuttost stabbli jew li qed tiżidied biss bil-moderazzjoni f'termini ta' movimenti migratorji ta' ċittadini mill-Moldova lejn l-UE.

Kif imsemmi hawn fuq, il-pajjiżi tal-KSI huma destinazzjoni importanti għal migranti tal-Moldova. Hemm tliet differenzi kbar fil-fatturi sottostanti għall-għażla tad-destinazzjoni bejn il-KSI u l-UE:

- **Il-metodu tad-dħul:** L-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn il-pajjiżi tal-KSI huma aktar baxxi u l-formalitajiet huma limitati (ir-reġim ħieles mill-viża).
- **Ir-raġunijiet għal migrazzjoni tal-ħaddiema (fatturi li jnaffru u daww li jattiraw (push and pull factors)):** Il-migranti li jagħżlu l-pajjiżi tal-KSI ta' spiss ma jkunux kapaċi jiksbu l-viża tal-UE u huma aktar probabbli li jirreaġixxu għal fatturi immedjati li jnaffru fir-Repubblika tal-Moldova (il-faqar u prospetti fqar ta' impjieġ), billi l-migranti li jagħżlu l-UE huma iktar probabbli li jsibu ruħhom attirati minn networks eżistenti tal-migranti fil-pajjiżi ta' destinazzjoni. Id-djaspori fl-UE huma sinifikattivi ħafna għall-istrateġija ta' daww li jixtiequ jemigraw għaliex l-esperjenza ta' min bħallhom tippermettilhom jevalwaw l-ispejjeż, ir-riskji u l-profitabilità tal-permanenza estiża tagħhom. Il-Frontex tistma li huwa maħsub li 75% tal-migranti tal-Moldova diġà għandhom attività li tiġġenera introjtu li qed tistennihom mal-wasla tagħhom fil-pajjiż destinatarju. Fil-qosor, il-migrazzjoni tal-ħaddiema lejn il-pajjiżi tal-KSI għandha tendenza li tkun anqas ippjanata u misjuqa aktar minn ħtiġijiet immedjati, filwaqt illi l-migrazzjoni lejn l-Istati Membri tal-UE hija aktar probabbli li tkun misjuqa kemm minn pariri kif ukoll minn opportunità.
- **It-tul tal-migrazzjoni:** Peress li l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u riskji ta' irregolarità huma relattivament baxxi fil-pajjiżi tal-KSI, il-migrazzjoni lejn il-KSI hija pjuttost staġjonali. Min-naħa l-oħra, minħabba riskji oġġla ta' dħul mill-ġdid u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar involuti fil-metodu possibbli ta' dħul illegali, il-biċċa l-kbira tal-migranti destinati lejn l-UE jitolqu mir-Repubblika tal-Moldova għal perjodi estiżi. Għadd sinifikanti minnhom diġà jkollhom ħsieb ta' permanenza fl-Istat Membru ta' destinazzjoni meta jiddeċiedu li jemigraw. Il-migrazzjoni lejn il-KSI hija għalhekk fil-biċċa l-kbira ċirkulari, filwaqt li l-migrazzjoni lejn l-UE hija aktar probabbli li tkun ta' natura permanenti.

Skont dejta uffiċjali tal-EUROSTAT dwar il-permessi ta' residenza, il-migranti tax-xogħol mir-Repubblika tal-Moldova fl-UE huma fil-biċċa l-kbira nisa (fl-2010 24.845 permess ta' residenza li jwettqu attività mħallsa kienu maħruġa lin-nisa, meta mqabbel ma' 8.298 maħruġa lill-irġiel¹³). L-irġiel jiddominaw f'diversi Stati Membri, l-aktar viżibbli fil-Polonja u l-Portugall. Iċ-ċittadini tal-Moldova jaħdmu l-aktar f'setturi domestiċi, il-kostruzzjoni u l-agrikoltura, u jkollhom rata baxxa tal-migranti f'pożizzjonijiet li jirrikjedu ħila ta' livell għoli. Skont l-awtoritajiet tal-Moldova, il-migranti tal-Moldova huma relattivament żgħar, ta' età bejn l-20 u d-49 sena¹⁴. Il-proporzjon ta' migranti b'edukazzjoni oġġla kien ta' 10% fl-2010 u għandu tendenza li jiżdied.

¹³ Dejta mill-14-il Stat Membru.

¹⁴ L-istampa sħiħa tad-dejta soċjoekonomika hija disponibbli fuq <http://www.carim-east.eu/database/demographic-and-economic-module/?search=1&fromto=from&cmct=Republic of Moldova&nocmct=European+Union>.

Flussi regolari ta' passiġġieri

In-numru ta' passiġġieri li qed joħorġu mir-Repubblika tal-Moldova **ilu jikber kostantement f'dawn l-aħħar ftit snin, kemm fil-fruntieri tal-art u tal-ajru**. Fil-fruntieri tal-ajru ġew irrappurtati 426.129 passiġġier fl-2009, 481.231 fl-2010, u 421.459 fl-ewwel disa' xhur tal-2011. Fil-fruntieri tal-art mar-Rumanija ġew irrappurtati 1.078.024 passiġġier fl-2009, 1.922.753 fl-2010, u 1.712.710 fl-ewwel disa' xhur tal-2011¹⁵.

Migrazzjoni irregolari

Ir-rati tar-rifjut ta' viżi għal permanenzi qosra jvarjaw bejn l-Istati ta' Schengen minn 23% fil-każ tar-Repubblika Ċeka sa 5,3% fil-każ tal-Ġermanja fl-2010. Fl-2011 l-ogħla rata ta' rifjut kienet fil-każ tal-Italja (14,1%) u l-inqas fil-każ tal-Ġermanja (6,41%). Il-medja tar-rata tar-rifjut tal-applikazzjonijiet għal viża ta' Schengen għal permanenzi qosra kienet 9,7% fl-2011 (naqset minn 11,43% fl-2010 u 10,15% fl-2009), imma baqgħet ogħla mill-medja dinjija mir-rata tar-rifjut fiż-żona Schengen (5,5%) (ara wkoll hawn fuq fit-taqsima 2.2).

Iż-żewġ Stati Membri li mhumiex fix-Schengen, il-Bulgarija u r-Rumanija rrifjutaw rispettivament 7,49% u 4,45% tal-applikazzjonijiet għall-viża għal permanenza qasira fl-2009. Fl-2010 ir-rati tar-rifjut kienu 1,3% għall-Bulgarija u 6,89% għar-Rumanija u fl-2011 ir-rati tar-rifjut kienu 0,58% għall-Bulgarija u 7,61% għar-Rumanija (ara wkoll hawn fuq fit-taqsima 2.2).

Fl-2011, ġew identifikati 3.435 ċittadin mill-Moldova li kienu qegħdin illegalment fl-UE, 15% inqas mill-istess perjodu fl-2010 u 1.571 ċittadin tal-Moldova ġew rifjutati milli jidħlu fil-fruntieri esterni tal-UE, 7% inqas mill-istess perjodu fl-2010 (ara t-tabella hawn taħt).

FRAN Indikaturi għaċ-ċittadini tal-Moldova							
	2009	% tat-total tal-UE	2010	% tat-total tal-UE	2011	% tat-total tal-UE	% ta' bidla 2011 vs. 2010
Permanenza illegali	4.182	1,0%	4.023	1,1%	3.435	1,0%	-15%
Intern	3.452	1,0%	3.149	1,1%	2.331	0,8%	-26%
Fil-fruntiera (mal-ħruġ)	730	1,0%	874	1,5%	1.104	1,6%	26%
Rifjut tad-dħul	1.866	1,7%	1.690	1,6%	1.571	1,3%	-7,0%
L-art	1.582	3,0%	1.427	2,6%	1.360	2,3%	-4,7%
L-arja	260	0,5%	232	0,5%	200	0,4%	-14%
Il-baħar	24	0,5%	31	0,6%	11	0,1%	-65%
Deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa	:	Mhux applikabbli	:	Mhux applikabbli	1.463	0,6%	Mhux applikabbli
Ritorni effettivi	:	Mhux applikabbli	:	Mhux applikabbli	2.012	1,4%	Mhux applikabbli

Sors: Frontex, FRAN dejta mis-7 ta' Mejju 2012

¹⁵ Dejta pprovduta mill-Frontex. Il-flussi tal-passiġġieri mir-Repubblika tal-Moldova jinkludu n-nazzjonalitajiet kollha li telqu mill-pajjiż.

Skont il-Frontex, il-maġġoranza tal-migranti mir-Repubblika tal-Moldova jidħlu permezz tal-**fruntieri fuq l-art**, prinċipalment minħabba t-tnaqqis fl-ispejjeż u wkoll għal riskju iżgħar ta' rifjut. Bħalissa, ir-riskju li jiġi rrifjutat id-dħul fil-fruntieri esterni bl-ajru huwa ħafna ogħla meta mqabbel mal-fruntieri esterni fuq l-art. Il-biċċa l-kbira tal-migranti irregolari jidħlu fl-UE permezz ta' Punti Ta' Qsim Tal-Fruntiera u proċeduri regolari, u sussegwentement jibqgħu fit-territorju wara li jkun skadielhom il-permess.

Għalhekk, fil-każ tar-Repubblika tal-Moldova, kif irrappurtat minn bosta Stati Membri, **il-qsim illegali tal-fruntiera jirrappreżenta kwistjoni marġinali** (detezzjoni ta' 213-il qasma illegali tal-fruntiera fit-taqsimiet ewlenin tal-fruntiera l-ħadra esterna tal-UE matul l-ewwel tliet kwarti tal-2011). Barra minn hekk, it-tqabbil annwali mal-2010 juri tnaqqis importanti ta' 34% f'detezzjonijiet ta' qsim illegali tal-fruntieri. Mhux ta' b'xejn, li s-sehem ta' ċittadini mill-Moldova fl-għadd totali ta' qsim illegali tal-fruntiera tal-UE baqa' baxx ħafna matul l-2011.

F'termini ta' xejriet, il-Frontex innutat tnaqqis kostanti fid-detezzjonijiet ta' qsim illegali tal-fruntiera minn ċittadini tal-Moldova. Barra minn hekk, l-istess persuni huma ta' spiss involuti fil-qsim illegali multipli tal-fruntiera.

Skont il-Frontex, in-numru ta' ċittadini mil-Moldova li nstab li kienu qed jużaw **dokumenti tal-ivvjaġġar iffalsifikati** ilu jonqos kontinwament mill-2009 (174 fl-2009, 114 fl-2010 u 45 fl-ewwel tliet kwarti tal-2011). L-aktar każi frekwenti huma ta' karti tal-identità Rumeni ffalsifikati. Il-Europol isemmi wkoll karti tal-identità u permessi ta' residenza Taljani ffalsifikati kif ukoll permessi ta' residenza Spanjoli (ara wkoll taħt it-taqsim 4). Skont iċ-ċifri pprovduti mill-awtoritajiet Moldovani, hemm tnaqqis fin-numru ta' każijiet ta' użu ta' identità falza u dokumenti ffalsifikati minn ċittadini tal-Moldova.

Asil

Skont il-EUROSTAT, l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-asil minn ċittadini Moldovani fl-UE huma baxxi u qed jonqsu (1.110 applikazzjonijiet għall-asil fl-2009, 735 applikazzjoni għall-asil fl-2010 u 602 fl-2011). L-għadd ta' deċiżjonijiet pożittivi finali dwar l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentati minn ċittadini Moldovani fl-Istati Membri tal-UE naqas ukoll (25 fl-2009, 20 fl-2010 u 15 fl-2011). Skont id-dejta miġbura mill-Frontex, il-parti l-kbira taċ-ċittadini Moldovani japplikaw għal asil fl-Awstrija, wara li l-permanenza illegali tagħhom tiġi skoperta.

Skont id-dejta pprovduta mill-awtoritajiet tal-Moldova, l-għadd ta' applikanti għall-asil fir-Repubblika tal-Moldova, hu relattivament baxx (60 applikazzjoni fl-2011, 90 fl-2010 u 50 fl-2009). Fl-2011 tliet persuni ngħataw l-istatus ta' refuġjat u għoxrin persuna rċevew status ta' protezzjoni umanitarja (fosthom ta' persuni apolidi).

Flussi migratorji legali

L-għadd ta' ċittadini tal-Moldova residenti legalment fl-Istati Membri tal-UE kiber fl-aħħar snin (fl-2008 – 129.642, fl-2009 – 166.977 u fl-2010 – 184.501). Dejta miġbura mill-EUROSTAT turi li l-ogħla għadd ta' permessi ta' residenza jingħata għall-finijiet ta' attività remunerata u t-tieni l-ikbar kategorija huma permessi mogħtija għal raġunijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, b'tendenza li qed tiżdied.

Permessi ta' residenza mogħtija għall-ewwel darba għal ċittadini tal-Moldova					
	edukazzjoni	attività remunerata	qarib	raġunijiet oħra	Total
2008	2.727	36.766	10.555	8.394	58.442
2009	2.981	21.977	10.905	9.729	45.592
2010	2.931	34.648	16.674	1.353	55.606

Sors: EUROSTAT

Skont id-dejta miġbura mill-EUI, il-migranti bi kwalifiki għoljin li diġà jinsabu fl-UE ma jarawx is-sistema tal-viża bħala problema għalihom infushom, iżda pjuttost għall-**familji tagħhom u biex iżommu r-rabtiet familjari**. Il-migranti, inklużi dawk bi kwalifiki għoljin, u t-turisti, għandhom it-tendenza li ma jkunux jafu d-drittijiet tagħhom (eż. id-dritt tal-appell kontra rifjut tal-viża) skont il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża u l-Kodiċi dwar il-Viżi. Prattiki diverġenti fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-iffaċilitar tal-viża mill-konsulati tal-Istati Membri tal-UE huma waħda mir-raġunijiet ewlenin ta' tħassib għall-migranti Moldovani bi kwalifiki għoljin u l-familji tagħhom u hija fattur li jiġi mejqus meta huma jiddeċiedu dwar id-destinazzjoni fejn jemigraw. Bl-istess mod, il-ħin ta' stennija għal deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet tal-viża, l-ispejjeż¹⁶ u l-burokrazija involuti huma rrappurtati li huma ostakli importanti (wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża u l-Kodiċi dwar il-Viża japplikaw biss għal permanenzi qosra u mhumiex applikabbli għal permanenzi fit-tul, li huma rregolati mil-leġislazzjoni nazzjonali).

Finalment, skont l-analiżi tal-EUI, ir-reġim tal-viża għandu effett ta' limitazzjoni fuq l-iskambji ta' **riċerकर्तुरi u studenti**, li ta' spiss ma jkunux jistgħu jipparteċipaw f'konferenzi jew skambji minħabba rifjut jew dewmien fil-ħruġ ta' viżi. Dan jillimita l-ambitu għal kooperazzjoni u l-iskambju ta' ideat bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova u jistgħu jkunu kontroproduktivi għall-isforzi tal-UE biex tappoġġja l-iżvilupp tal-pajjiż u biex iqarrbuh lejn in-normi u l-istandards tal-UE. Barra minn hekk, għall-istess raġunijiet, dan jippreżenta sfidi f'kuntatti u skambji **kummerċjali**.

3.2. Impatti possibbli ewlenin

Flussi migratorji b'mod ġenerali

Meta wieħed jeżamina l-impatti possibbli ewlenin tal-liberalizzazzjoni tal-viża fuq il-flussi migratorji bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-UE, huwa rilevanti li wieħed jenfasizza li l-liberazzjoni tal-viża se tnaqqas biss il-ħin u l-ispejjeż tal-preparazzjoni assoċjati ma' vjaġġi lejn l-UE. Il-migrazzjoni tal-ħaddiema lejn l-UE jew il-Federazzjoni Russa aktarx li tibqa' strateġija attraenti ħafna biex wieħed jaqla' l-għajxien tiegħu. Minkejja l-iżviluppi ekonomiċi u politiċi fil-Federazzjoni Russa, l-Istati Membri tal-UE x'aktarx jibqgħu għażla attraenti għall-ħaddiema migranti, anke jekk ma wiċċhom isibu tkabbir ekonomiku wieqaf jew bati ħafna. Bl-istess mod, id-domanda għax-xogħol domestiku fl-Istati Membri x'aktarx li tibqa' reżiljenti għal perjodi futuri possibbli fejn l-ekonomija tbatti. Madankollu, l-EUI jinnota li r-

¹⁶ Huwa importanti li wieħed jinnota li l-prezz għal viża ta' Schengen għal ċittadini tal-Moldova jibqa' sinifikanti ħafna, meta wieħed iqis id-dħul medju il-pajjiż. Pereżempju, fl-2010 EUR 35 għal viża kienet tikkostitwixxi madwar 34% tad-dħul medju ta' kull xahar. Wieħed għandu jżid ma' dan, l-ispiża tat-traduzzjoni tad-dokumenti ta' evidenza meħtieġa.

realta' demografika tar-Repubblika tal-Moldova tagħmilha ċara li **n-numru tal-migranti qed jiskarsa** meta l-pajjiż dieħel fil-proċess tal-aktar tixjiħ aċċellerat fl-Ewropa.

Kif muri mill-migrazzjoni tal-ħaddiema tal-Moldova lejn il-Portugall¹⁷, il-mekkaniżmu awtoregolatorju tal-flussi migratorji tax-xogħol, fejn il-migrazzjoni legali u irregolari jkollha t-tendenza tiżdied matul perjodi ta' domanda ogħla għax-xogħol u tonqos meta domanda bħal din tmajna, aktarx li jibqa' kif inhu. Għalhekk, il-ftuħ ta' passaġġi legali ta' vjaġġar possibbilment se jippermettu għal **aktar mudelli ċirkolari ta' migrazzjoni għal dawk iċ-ċittadini tal-Moldova li huma involuti f'xogħol illegali** fl-UE. L-EUI nnota li l-istess mekkaniżmi regolatorji kienu fis-seħħ fid-disgħinijiet (1990s), meta i-ċittadini ta' pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali setgħu jivvjaġġaw mingħajr viża lejn l-UE.

Id-dejta miġbura mill-EUI tissuġġerixxi li se jkun hemm żieda **fil-flussi temporanji u fuq medda qasira ta' żmien** mir-Repubblika tal-Moldova lejn l-UE, kemm jekk ikunu għal żjarat b'rieda tajba (il-maġġoranza) jew għal impjeg fuq perjodu qasir. Ibbażat fuq l-esperjenzi preċedenti (eż. it-tneħħija tal-obbligu tal-viża għaċ-ċittadini tal-Istati tal-Ewropa Ċentrali f'nofs is-snin disgħin (1990s) jew l-adeżjoni tagħhom tal-2004 mal-UE), it-tneħħija ta' ostaklu għall-moviment twassal għal żieda fil-migrazzjoni li biż-żmien issir stabbli.

Id-daqs ta' tali żieda, bħalma turi l-esperjenza tal-mobilità interna wara l-aħħar tkabbir tal-UE, jiddependi fuq numru ta' fatturi, li apparti l-qrubija u l-ftuħ, jinkludu wkoll il-preżenza ta' netwerks ta' migranti, l-istat tas-suq tax-xogħol fil-pajjiż ospitanti, l-opportunitajiet f'pajjiżhom, jew il-kompetizzjoni minn ċentri ta' attrazzjoni oħra barra mill-UE. In-natura taż-żieda fil-migrazzjoni x'aktarx li hi temporanja, għalkemm l-EUI ma jeskludix żieda fil-migrazzjoni permanenti, meta wieħed iqis il-mudelli ta' riunifikazzjoni tal-familja f'uħud mill-Istati Membri (eż. l-Italja). Huwa diffiċli li wieħed ibassar kemm se ddum din iż-żieda temporanja billi dan jiddependi fuq diversi fatturi varjabbli: il-propensità li wieħed jemigra, il-mezzi finanzjarji biex jintefqu fuq it-turiżmu, l-istat tal-ekonomija fir-Repubblika tal-Moldova u fil-pajjiż tad-destinazzjoni.

Il-liberalizzazzjoni tal-viża x'aktarx li mhux se tbiddel it-tul tal-perjodu li l-migranti tal-Moldova li joqogħdu b'mod irregolari fl-UE se jqattgħu fi żjarat f'pajjiżhom, minħabba n-nuqqas ta' ħin liberu għal vaganzi tagħhom u r-riskju ta' telf ta' impjegi fl-UE. Mhux mistenni l-ebda impatt fuq iċ-ċirkolarità tal-Moldovani li jgħixu b'permess ta' residenza fl-UE peress li lanqas bħalissa m'għandhom bżonn viża biex jiġu lura mill-Moldova lejn l-UE.

Flussi regolari ta' passiġġieri

Il-flussi regolari ta' passiġġieri x'aktarx jiżdiedu, peress li l-liberalizzazzjoni tal-viża se twassal biex l-ivvjaġġar lejn l-UE ikun **aktar faċli u orħos**.

Migrazzjoni irregolari

Il-pressjoni migratorja lejn il-fruntieri tal-UE pjuttost ser tiżdied milli tonqos jekk jipprevali l-mudell tal-problemi ekonomiċi u soċjali fir-Repubblika tal-Moldova, minkejja l-pass mgħaġġel tar-riforma strutturali tal-pajjiż u tkabbir ekonomiku qawwi (rati ta' tkabbir tal-PDG ta' 7,1% fl-2010 u 6,4% fl-2011). Skont il-EUBAM, il-volum tal-migrazzjoni irregolari mir-Repubblika tal-Moldova lejn l-Istati Membri tal-UE **x'aktarx li jibqa' l-istess**. L-arranġament tat-tħaddim, ir-routing u n-numru ta' migranti irregolari jista' jvarja kull sena u jiddependi minn bosta fatturi interni u esterni li jnaffru u jattiraw.

Il-proporzjon tar-riskju li jiġi rrifjutat id-dħul fil-fruntieri esterni bl-ajru mqabbel mal-fruntieri esterni bl-art aktarx mhux se jinbidel jekk l-obbligu tal-viża jitneħħa. Il-biċċa l-kbira tal-

¹⁷ Analiżi magħmula mill-Frontex.

migranti tax-xogħol se tkompli tagħżel li tidħol fl-UE bil-fruntieri tal-art u sussegwentement timxi lejn l-Istati Membri tad-destinazzjoni.

F'termini ta' għażliet ta' destinazzjoni, l-Istati Membri bl-akbar komunitajiet ta' ċittadini tal-Moldova x'aktarx jibqgħu fil-mira tal-migranti tax-xogħol mir-Repubblika tal-Moldova.

Il-Frontex u l-EUI jindikaw li l-migranti tax-xogħol mir-Repubblika tal-Moldova se jibqgħu illegalment wara li jiskadilhom il-perjodu tal-permess ta' 90 ġurnata fi kwalunkwe perjodu ta' sitt xhur jekk ikun hemm ir-riskju li se jiġi xogħolhom. Madankollu, biex jiġi evitati l-konsegwenzi negattivi ta' detezzjoni ta' permanenza illegali, il-migranti jistgħu minflok jagħżlu ħruġ u dħul mill-ġdid aktar frekwenti minn u lejn l-UE (f'liema każ jista' jiġi użu ta' timbri ffalsifikati ta' dħul/ħruġ). Min-naħa l-oħra, kif turi l-esperjenza tal-mobilità fi ħdan il-KSI kif ukoll l-esperjenza ta' ċittadini ta' xi pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant fis-snin disgħin (1990s), il-possibbiltà ta' ċirkolazzjoni legali tista' tinfluwenza d-deċiżjoni tad-dħul u l-ħruġ fil-perjodi preskritti ta' żmien. Fil-fatt, **reġim ħieles mill-viża**, jista' jipprovdi triq **lil hinn mill-irregolarità** għaċ-ċittadini tal-Moldova b'permanenza illegali u li bħalissa huma mitluqin għal rihom fl-UE, jekk jillaxkaw il-konsegwenzi għall-permanenza żejda tagħhom meta jinqabdu fil-fruntieri huma u ħerġin mill-UE.

Il-gruppi tal-kriminalità organizzata mdaħħlin fit-traffikar tal-bnedmin u li jiffaċilitaw il-migrazzjoni irregolari, x'aktarx li jadattaw il-mod kif jaħdmu għar-reġim ħieles mill-viża u possibbilment iżidu l-attivitajiet tagħhom (ara wkoll it-taqsim 4).

Jekk ma jkunux applikati b'mod strett ir-regoli dwar il-ħruġ ta' **dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar** u s-sigurtà tagħhom, inkluż fir-rigward tal-passaporti bijometriċi konformi mal-ICAO, l-individwi u l-gruppi tal-kriminalità organizzata jistgħu jippruvaw jisfruttaw il-lakuni.

Il-EUBAM tipprevedi li r-Repubblika tal-Moldova se żżomm il-pożizzjoni kurrenti tagħha, ta' pajjiż ta' **tranżitu** għall-migranti irregolari lejn l-UE. Il-EUBAM targumenta li huwa probabbli li l-liberalizzazzjoni tal-viża tista' tagħmel ir-Repubblika tal-Moldova aktar attraenti għall-migranti mill-KSI u mill-pajjiżi tal-Asja Ċentrali.

Fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, il-miżuri li ġejjin għandhom jiġi kkunsidrati:

Mir-Repubblika tal-Moldova, f'konformità mal-PALV:

- Tkompli ssaħħa il-kontrolli fuq il-fruntiera, inkluż l-analiżi tar-riskju u l-miżuri ta' sorveljanza, kif ukoll tipprevjenti u tiġġieled kontra l-korruzzjoni fil-fruntieri, u tkompli tissaħħa il-kooperazzjoni mal-EUBAM fl-oqsma kollha tal-ġestjoni tal-fruntieri;
- Togranizza kampanji ta' informazzjoni kontinwi mmirati, bl-għan li jiċċaraw id-drittijiet u l-obbligi ta' vjaġġar mingħajr viża, inkluża informazzjoni dwar ir-regoli li jirregolaw l-aċċess għas-suq tax-xogħol fl-UE (inkluż permezz tal-Portal tal-UE dwar l-Immigrazzjoni) u responsabbiltà għal kwalunkwe abbuż tad-drittijiet taħt ir-reġim ħieles mill-viża;
- Tikkondividi dejta b'mod regolari mal-awtoritajiet tal-UE dwar passaporti bijometriċi mitlufa jew misruqa, b'mod partikolari bl-użu tal-bażi tad-dejta tal-Interpol dwar Dokumenti tal-Ivvjaġġar Mitlufa u Misruqa;
- Tistabbilixxi u tapplika sanzjonijiet proporzjonati, effettivi u dissuazivi għal persuni misjuba haġja ta' bejgħ jew self tal-passaporti tagħhom;
- Issaħħa il-qafas legali u istituzzjonali dwar ir-"Reġistru Ċivili" sabiex twaqqaf l-abbuż tal-bdil fl-ismijiet jew l-identità bil-għan li jinkiseb passaport ġdid. Għandhom jiġu stabbiliti regoli ċari u applikati dwar il-bdil tal-isem; il-qafas legali u istituzzjonali għandu jissaħħa u jinkludi kontroll effettiv kif ukoll miżuri ta' traċċabilità;
- Timpedixxi u tiġġieled il-korruzzjoni fil-livelli kollha u fl-oqsma kollha.

Mill-UE u l-Istati Membri:

- Għandhom isiru sforzi addizzjonali li jżidu gradwalment is-sehem ta' vjaġġaturi li d-dejta bijometrika tagħhom tkun ġiet ivverifikata mill-awtoritajiet tal-kontroll fil-fruntieri tal-Istati Membri tal-UE;
- Għandhom jiġu introdotti soluzzjonijiet ġodda tal-IT biex jiġi kkalkulat il-perjodu totali taż-żjara fit-taqsimiet tal-fruntieri esterni kollha li qed jesperjenzaw flussi kbar ta' ċittadini mill-Moldova skont il-prinċipji tal-Komunikazzjoni dwar il-fruntieri intelligenti¹⁸;
- L-Istati Membri għandhom ikomplu jagħmlu sforzi biex jipprovdu lill-Kummissjoni u l-aġenziji rilevanti tal-UE bi statistika dettaljata dwar l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' riammissjoni.

Miżuri oħra rilevanti jinkludu, fuq livell tal-UE u tal-Istati Membri:

- L-armonizzazzjoni tar-regoli kontra l-impjeg illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif mibdiha mid-Direttiva tas-Sanzjonijiet kontra min Iħaddem;¹⁹
- Il-faċilitazzjoni tal-migrazzjoni legali lejn l-UE;
- Titkompla l-kooperazzjoni mar-Repubblika tal-Moldova biex jinħolqu opportunitajiet aħjar għall-impjegi f'dan il-pajjiż.

¹⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-fruntieri intelliġenti - għażliet u t-triq 'il quddiem, COM (2011) 680 finali.

¹⁹ Id-Direttiva 2009/52/KE tat-18 ta' Ġunju 2009.

Asil

Hemm bosta kwistjonijiet rilevanti li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati sabiex jiġi evalwat l-impatt tal-liberalizzazzjoni tal-viża fuq in-numru ta' applikazzjonijiet għall-asil, kif uriet l-esperjenza preċedenti mal-Balkani tal-Punent²⁰. B'mod partikolari **livell baxx ta' integrazzjoni ta' komunitajiet minoritarji**, b'mod partikolari r-Roma, u l-aċċess skars tagħhom għall-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, l-impjiegi, u l-kura tas-saħħa, jista' jżid il-propensità tagħhom biex jabbużaw mis-sistema tal-asil fl-Istati Membri tal-UE. Barra minn hekk, il-marġinalizzazzjoni politika u ekonomika severa, id-distakk sinifikanti fil-potenzjal tal-qligħ meta mqabbel mal-bqija tas-soċjetà, il-prossimità ġeografika lejn l-UE, l-ispejjeż baxxi tal-ivvjaġġar u l-appoġġ assoċjat mat-talbiet għall-asil fl-Istati Membri tal-UE, għamlu t-talba għall-asil strateġija attraenti tal-migrazzjoni għal żmien qasir għal komunitajiet fil-Balkani tal-Punent kollha. L-assistenza għar-ritorn finanzjarju għal dawk li ma ngħatalhomx l-asil tista' tkun ukoll raġuni b'saħħitha.

Fir-Repubblika tal-Moldova hemm għadd ta' **minoranzi etniċi**, li l-aktar sinifikanti fosthom huma ċ-ċittadini tal-Ukraina, ir-Russi, il-Gagauz, il-Bulgari u r-Roma (ara t-taqsimha 5). Il-minoranza Gagauz rat id-drittijiet tagħha rikonoxxuti u ggarantiti mill-kostituzzjoni bi status ta' awtonomija speċifika għall-Unità Territorjali Awtonoma tal-Gagauzia, stabbiliti fl-1994. Għalkemm il-popolazzjoni tar-Roma hi ġeneralment grupp żvantaġġat fir-rigward tal-edukazzjoni, impjieg, saħħa, kundizzjonijiet tal-għajxien u parteċipazzjoni fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, l-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova wrew l-impenn tagħhom biex itejbu s-sitwazzjoni ta' din il-minoranza u għamlu progress biex isostnu l-integrazzjoni tal-komunità tar-Roma. Ġie adottat Pjan ta' Azzjoni 2011-2015 dwar Appoġġ għar-Roma u bħalissa qed jiġi implimentat, wara li ġie aġġornat mar-rekwiżiti internazzjonali f'Jannar tal-2012. Ġew imwaqqfa Medjaturi tal-Komunità tar-Roma sabiex iservu bħala intermedjarji bejn l-awtoritajiet u l-komunitajiet minoritarji biex jgħinu l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni u, aktar minn hekk, jgħinu biex jintegraw aħjar il-minoranza Roma.

Għalhekk, għalkemm ma tistax tiġi eskluża, bħalissa **mhemm l-ebda indikazzjoni ta' żieda fl-applikazzjonijiet għall-asil** minn ċittadini tal-Moldova wara l-liberalizzazzjoni tal-viża.

Fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, il-miżuri li ġejjin għandhom jiġi kkunsidrati:

Mir-Repubblika tal-Moldova

- Togranizza kampanji ta' informazzjoni kontinwi mmirati, bl-għan li jiġu ċċarati d-drittijiet u l-obbligi ta' vjaġġar mingħajr viża, inkluża informazzjoni dwar ir-regoli li jirregolaw l-aċċess għas-suq tax-xogħol fl-UE u responsabbiltà għal kwalunkwe abbuż tad-drittijiet taħt ir-reġim ħieles mill-viża.

Mill-UE u l-Istati Membri

- Aktar konverġenza tal-politiki tal-Istati Membri dwar il-proċeduri tal-asil, b'mod partikolari rigward id-dewmien tal-proċeduri, il-benefiċċji mogħtija lil dawk li jfittxu l-asil u l-assistenza għar-ritorn finanzjarju possibbli.

Migrazzjoni Legali

Skont l-EUI, waqt li l-ivvjaġġar tal-migranti fl-UE biex imorru f'pajjiżhom x'aktarx li jsir kemxejn aktar frekwenti, mhux probabbli li jkun hemm **żieda fil-flussi ta' migranti ġodda** lejn l-UE mir-Repubblika tal-Moldova. **Mhu mistenni l-ebda** impatt fuq iċ-ċirkolarità taċ-

²⁰ Il-monitoraġġ ta' wara l-liberalizzazzjoni tal-viża għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent SEC (2011) 659 final u SEC (2011) 1570 final.

ċittadini Moldovani li jkollhom permess ta' residenza fl-UE peress li lanqas skont ir-reġim attwali m'għandhom bżonn viża biex jiġu lura mill-Moldova lejn l-UE. Id-disponibbiltà ta' mezzi finanzjarji (aktar milli l-ħtieġa li tinkiseb viża) se tkun il-fattur ewlieni għall-formazzjoni tad-deċizzjoni tal-migranti Moldovani biex imorru lejn pajjiżhom.

Il-liberalizzazzjoni tal-viża se tgħin biex jissaħħaħ l-impatt pożittiv tal-migrazzjoni fuq l-iżvilupp, speċjalment billi jitnaqqsu l-konsegwenzi soċjali negattivi tal-migrazzjoni permezz tal-faċilitazzjoni ta' **żamma ta' rabtiet familjari u kuntatt** mar-Repubblika tal-Moldova. Din ser tnaqqas l-impatt negattiv fuq il-familji li tħallew id-dar, partikolarment il-minorenni u l-anzjani, għaliex se jkun aktar faċli għalihom biex iżuru lill-migrant membru tal-familja. Madankollu, id-disponibilità tar-riżorsi finanzjarji ser tibqa' bi rwol ewlieni f'dan ir-rigward.

L-iffaċilitar ta' vjaġġi fuq perjodu qasir bħala riżultat tal-liberalizzazzjoni tal-viża se tagħmel l-UE **destinazzjoni aktar attraenti għal migranti bi kwalifiki għolja** għal żewġ raġunijiet ewlenin: l-iffaċilitar ta' żjarat tal-familja, kif imsemmi hawn fuq, u b'mod aktar ġenerali, perċezzjoni aktar pożittiva tal-UE bħala destinazzjoni.

Il-liberalizzazzjoni tal-viża se jkollha **impatt pożittiv fuq l-iskambji u l-attività tan-negozju, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-mobilità għall-istudenti u r-riċerkaturi, b'effett qawwi pożittiv fit-tul fuq l-ekonomija.**

4 - IMPATTI POSSIBBLI FUQ IS-SIGURTÀ²¹ TAL-LIBERALIZZAZZJONI FUTURA TAL-VIŻA

4.1. Is-sitwazzjoni attwali

Skont il-Europol, il-gruppi tal-kriminalità organizzata (GKO) tal-Moldova huma diġà preżenti u attivi f'mill-inqas disa' Stati Membri tal-UE. Xi wħud huma involuti f'attivitajiet kriminali organizzati b'mod tajjeb. Dawn huma marbuta ma' netwerk orizzontali ta' "thieves-in-law" li jitekllmu bir-Russu. Oħrajn huma iżgħar, b'firxa operattiva limitata, mingħajr tħejjija strutturata u strateġija ġenerali. Ir-rabtiet mal-GKO domestiċi tal-UE huma limitati. Il-GKO mill-Moldova ma jidhrux li għandhom rwol importanti fil-ġerarkiji tal-KO tal-UE.

Huwa importanti li wiehded jinnota li għal GKO kollha li joriġinaw mill-Eks Unjoni Sovjetika (EUS), hemm rabtiet sodi bejn il-GKO tal-Moldova u l-GKO minn partijiet oħra tal-EUS. Xi drabi huma jkollhom ir-rwol ta' intermedjarji bejn il-GKO mill-EUS u GKO attivi fl-UE. Għalhekk, hemm tendenza li l-GKO mill-Moldova jiġu rraggruppati ma' gruppi kriminali oħra taħt it-tikketta ta' "GKO li jitekllmu bir-Russu".

Il-GKO tal-Moldova huma attivi f'bosta ċentri kriminali tal-UE, kif iddefinit fil-Valutazzjoni tal-2011 tal-Europol dwar it-Theddida mill-Kriminalità Organizzata (OCTA)²².

Skont il-Europol, il-GKO tal-Moldova huma partikolarment attivi fl-attivitajiet kriminali li ġejjin: it-traffikar tal-bnedmin, li jiffaċilitaw l-immigrazzjoni irregolari, kriminalità organizzata tal-proprjetà, il-frodi tal-karti ta' pagament, kuntrabandu tas-sigaretti u ċiberkriminalità. Xi wħud minn dawn is-sejbiet huma kkonfermati mir-rispons għall-"Operazzjoni Akkerman"²³.

²¹ Din it-taqsimha tiffoka fuq dawk l-attivitajiet kriminali li potenzjalment jistgħu jibbenefikaw minn vjaġġar mingħajr viża għal ċittadini tal-Moldova u dwar l-analiżi tal-impatti possibbli tal-liberalizzazzjoni tal-viża fuq gruppi tal-kriminalità organizzata.

²² <https://www.europol.europa.eu/content/press/europol-organised-crime-threat-assessment-2011-429>. NB: L-awtoritajiet tal-Moldova pprovdew kontribuzzjoni lejn l-OCTA tal-2011 li tressaq f'Novembru tal-2011.

²³ "L-Operazzjoni Akkerman" hija operazzjoni konġunta tal-kontroll tal-fruntieri ta' bejn l-aġenziji u internazzjonali (JBCO) immexxija mill-EUBAM u l-Europol, flimkien mal-awtoritajiet Moldovani u Ukraini. Matul żewġ fażijiet operazzjonali mmexxija mill-intelligence fl-2011 – li t-tieni waħda saret

i) Traffikar tal-bnedmin(THB)

Ir-Repubblika tal-Moldova hija **pajjiż li hu sors**, u sa ċertu punt, pajjiż ta' tranżitu u ta' destinazzjoni għan-nisa u t-tfalijiet għall-iskop ta' sfruttament sesswali, u għall-irġiel, nisa u tfal għall-għan tal-isfruttament marbut max-xogħol²⁴. Il-vittmi tal-Moldova jidhru li huma aktar u aktar sfruttati għax-xogħol jew għas-servizzi furzati, b'mod partikolari bħala infermiera, baby-sitters, u dawk li jieħdu kura ta' familja jew l-anzjani. Il-GKO mill-Moldova huma attivi l-aktar fir-**reklutaġġ tal-vittmi**, l-iżjed għal sfruttament sesswali fl-UE. F'xi każi huma jisfruttaw il-vittmi nfushom. Il-modi ewlienija ta' kif jaħdmu t-traffikanti ma nbidlux b'mod sinifikanti f' dawn l-aħħar ftit snin. Ir-reklutaturi jattiraw il-vittmi tagħhom prinċipalment permezz ta' qerq u okkażjonalment permezz tal-użu tal-vjolenza²⁵.

Il-vittmi ta' spiss jiġu sfurzati biex iħallsu għad-dokumenti meħtieġa, li jvarjaw minn passaporti, karti tal-identità u viżi, kuntratti ma' sidien ta' night-clubs u assigurazzjoni tas-saħħa. Dan iżid id-dejn tagħhom u l-GKO jkunu qed itawlu l-isfruttament. Il-GKO jagħmlu użu minn strutturi speċifiċi ta' negozju leġittimu biex jirreklutaw u jisfruttaw il-vittmi fl-UE.

Skont iċ-ċifri pprovduti mill-awtoritajiet Moldovani, hemm tnaqqis fl-istatistika dwar it-THB: in-numru ta' każijiet irreġistrati naqas minn 243 fl-2006 għal 111 fl-2011²⁶. Fir-rigward tan-numru ta' vittmi assistiti u identifikati, skont iċ-ċifri tal-IOM, kien hemm ukoll tnaqqis minn 273 fl-2007 għal 98 fl-2011²⁷. Fir-rigward tan-numru ta' każijiet ta' traffikar tat-tfal kien hemm ukoll tnaqqis minn 61 każ fl-2006 għal 23 fl-2011²⁸.

Skont iċ-ċifri pprovduti mill-awtoritajiet tal-Moldova, diversi gruppi kriminali involuti f'THB u reati relatati ġew identifikati u żarmati wara miżuri ta' investigazzjoni operattiva²⁹.

ii) Iffaċilitar ta' immigrazzjoni irregolari

Il-GKO huma involuti wkoll fl-isfruttament tal-migranti mill-Moldova li ma jidhru, ma joqgħodux, ma jirrisjedux jew ma jaħdmux b'mod leġittimu fil-pajjiż destinatariju. Il-GKO Moldovani jaħdmu mill-qrib ma' GKO ta' pajjiżi ġirien, speċjalment l-Ukraina, billi jassistu lil xulxin fi kwistjonijiet relatati mat-**trasport jew mad-dokumentazzjoni ffalsifikata**. Fir-

f'Settembru tal-2011 – ġew issekwestrati prodotti tal-kuntrabandu bħas-sigaretti, l-alkoħol u l-vetturi misruqa, u ġiet individwata frodi doganali b'valur ta' EUR 3,2 miljun. Dan kien riżultat ukoll ta' organizzazzjoni strutturali aħjar tal-operazzjoni mmirata biex iżżid notevolment l-użu effettiv tal-intelligence, l-istabbiliment ta' Timijiet ta' Task Force bħala ferġat operazzjonali tal-JBCO, it-titjib sostanzjali ta' Ċentru tal-Komunikazzjonijiet u l-estensjoni ulterjuri tal-appoġġ ipprovdut minn atturi ewlenin internazzjonali.

²⁴ Ir-rapport tad-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti dwar it-Traffikar tal-Persuni – ir-Repubblika tal-Moldova, Ġunju 2012.

²⁵ Il-vittmi jiġu avviċinati jew direttament jew permezz ta' aġenziji jew pubbliċità tal-impjiegi. Bħala regola, dawn joffru impjieg barra mill-pajjiż bħala għajjnuna domestika, baby sitters, waitresses, ħaddiema fl-irziezet u tipi oħra ta' attivitajiet leġittimi li allegatament ikunu mħallsa sew meta tqabbilhom mal-medja tas-salarji fir-Repubblika tal-Moldova. Iseħħu każijiet fejn il-vittmi jkunu attwalment maħtufa mit-traffikanti, iżda dawn huma inqas komuni. Wara li l-vittmi jiddaħħlu fl-UE baxx baxx, jitteħdulhom id-dokumenti tagħhom, jiġu iżolati u limitati severament fil-movimenti tagħhom. Mingħajr il-ħila li jikkellmu l-ilsien lokali, mingħajr mezz biex li jipprovaw l-identità tagħhom, il-vittmi huma dejjem taħt il-kontroll ta' dawk li jisfruttawhom, u jsufu ksur kbir tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem. F'ħafna każijiet l-vittmi jitolbu l-għajjnuna permezz tal-klijenti tagħhom.

²⁶ In-numru ta' każijiet (jiġifieri, reati rreġistrati mar-Reġistru tal-informazzjoni Kriminali u tal-forensika fejn huma biss il-każijiet li jkunu kwalifikati bħala delitti/atti kriminali skont il-Kodiċi Kriminali li fuq il-bażi tagħhom ikun infetħ każ kriminali): 243 (2006), 251 (2007), 215 (2008), 185 (2009), 140 (2010), 111 (2011).

²⁷ In-numru ta' vittmi assistiti u identifikati: 273 (2007), 158 (2008), 159 (2009), 139 (2010), 98 (2011).

²⁸ In-numru ta' każijiet ta' traffikar ta' tfal: 61 (2006), 47 (2007), 31 (2008), 21 (2009), 21 (2010), 23 (2011).

²⁹ In-numru ta' gruppi kriminali: 39 (2006), 40 (2007), 29 (2008), 40 (2009), 22 (2010) u 40 (2011).

rigward tal-immigrazzjoni irregolari ffaċilitata mir-Repubblika tal-Moldova, ġew irrappurtati każijiet ta' użu ta' karti tal-identità Taljani u Rumeni ffalsifikati u permessi ta' residenza Taljani u Spanjoli ffalsifikati (ara wkoll hawn fuq taħt it-Taqsima 3).

Il-GKO li jittrattaw l-iffaċilitar tal-migrazzjoni irregolari ta' ċittadini mill-Moldova jkollhom membri attivi fir-Repubblika tal-Moldova li huma involuti fir-reklutaġġ ta' migranti irregolari potenzjali. Membri tal-GKO tal-Moldova ġew ukoll identifikati fl-Ukraina (fejn kienu involuti fl-iffalsifikar ta' dokumenti u bħala gwidi fil-fruntiera bejn l-Ukraina u l-Ungerija) u wkoll fir-Rumanija (fejn dawn kienu involuti fl-iffalsifikar ta' karti tal-identità u passaporti). Rapporti jgħidu li n-negozji legali jintużaw biex tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni irregolari.

iii) Traffikar tad-drogi

Ir-Repubblika tal-Moldova hi meqjusa l-aktar bħala **rotta ta' tranżitu** u allegatament post għall-ħażna u l-ipproċessar ulterjuri tal-kokaina.³⁰

Skont iċ-ċifri pprovduti mill-awtoritajiet Moldovani hemm tnaqqis fit-traffikar tad-drogi minn 2144 każ kriminali fl-2007 għal 1606 fl-2011³¹.

Is-sejbiet fuq il-fruntiera Moldova-Ukraina fl-2011 juru l-livell attwali tat-traffikar tad-drogi³².

iv) Kriminalità Organizzata tal-Proprietà

Il-GKO tal-Moldova huma involuti f'firxa ta' kriminalità organizzata tal-proprietà. Huma jiffukaw b'mod partikolari fuq is-serq ta' trakkijiet u vetturi industrijali u agrikoli. Il-GKO huma żgħar (3 sa 5 membri), li jużaw teknika u mod bażiku ta' kif jaħdmu (l-akkar rejds ta' malajr, użu ta' vjolenza u ħtieġa li jinstab riċevtur wara li jitwettag id-delitt).

v) Kuntrabandu ta' oġġetti b'dazju għoli

Flimkien mal-Ukraina, u dejjem aktar mal-Belarus u l-Federazzjoni Russa, ir-Repubblika tal-Moldova hija fost il-pajjiżi prinċipali bħala sors tal-kuntrabandu tas-sigaretti fl-UE f'dawn l-aħħar snin u din it-tendenza jidher li qed tiżdied. Ir-Repubblika tal-Moldova ilha ħafna magħrufa bħala **pajjiż sors u ta' tranżitu** minħabba l-fluss ta' sigaretti bil-kuntrabandu fl-UE u qed ikollha rwol dejjem aktar importanti f'dan ir-rigward hekk kif il-prezzijiet tat-tabakk f'ħafna pajjiżi tal-UE qed ikomplu jiżdiedu, notevolment fl-Istati Membri li ssieħbu fl-UE fl-2004 jew fl-2007. Sigaretti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Moldova qegħdin dejjem aktar jippenetraw is-swieq illegali tal-Istati Membri tal-UE. Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni fl-2011 adottat Pjan ta' Azzjoni biex tiġġieled kontra l-kuntrabandu ta' sigaretti u alkoħol tul il-Fruntiera tal-Lvant tal-UE³³.

³⁰ Indivdwi li jikkellmu r-Russu residenti fl-Amerika Latina jiffaċilitaw u jorganizzaw it-traffikar tal-kokaina lejn l-UE u l-Federazzjoni Russa. F'Ġunju tal- 2010 saret konfiska sinifikanti ta' kokaina fil-port ta' Odessa fl-Ukraina. Skont il-polza ta' kargu, l-ispeditriċi tal-merkanzija kienet kumpanija Bolivjana u l-merkanzija kellha tkun mibgħuta fl-indirizz ta' kumpanija privata li tinsab fir-Repubblika tal-Moldova.

³¹ In-numru ta' każijiet kriminali: 2144 (2007), 2103 (2008), 1865 (2009), 1773 (2010), 1606 (2011).

³² Fl-2011 - f'60 każ - 34,255kg tad-drogi ġew issekwestrati fuq il-fruntiera konġunta. Fost il-kwantità totali ta' drogi 61% kienu rilevati 'l barra mill-BCP u fiż-żona tal-fruntiera. It-tipi ta' droga rilevati kienu kif ġej fl-2010/2011: marijuana: 6,916kg/20,54kg, tiben tal-peprin: 1,21kg/11,34kg, kannabis: 0,754kg/2,318kg, li juri żieda fl-2011 meta mqabbel mal-2010.

³³ Ara SEC(2011) 791 finali (mhux disponibbli bil-Malti).

Kooperazzjoni msaħħa fil-prevenzjoni u l-għieda kontra l-kummerċ illeċitu tal-prodotti tat-tabakk hija wkoll wieħed mill-għanijiet tal-qafas strateġiku għall-Kooperazzjoni Doganali bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova³⁴.

Ir-Repubblika tal-Moldova hija waħda mill-ikbar produttori ta' sigaretti ġenwini mdaħħla bil-kuntribandu fl-UE. L-aktar marka popolari ta' sigaretti "bojod u ordinarji" hi prodotta legalment fir-Repubblika tal-Moldova, Kaliningrad u l-Ukraina³⁵. Il-GKO Moldovani jipprovdu wkoll il-materja prima lill-GKO fl-UE involuti fil-produzzjoni, l-ippakkjar u d-distribuzzjoni ta' sigaretti foloz. Bħala attività li fiha ftit riskju imma profitt għoli, x'aktarx li hija aktar mifruxa u intensa milli tindika l-istatistika uffiċjali.

Skont iċ-ċifri pprovduti mill-awtoritajiet Moldovani, in-numru ta' pakketti ta' sigaretti kkonfiskati żdied minn 201.588 pakkett tas-sigaretti fl-2008 għal 276.337 fl-2011.

vi) Traffikar tal-armi

Bħalissa ma hemm ebda indikatur ċar ta' traffikar organizzat tal-armi u l-munizzjon matul il-fruntiera bejn il-Moldova u l-Ukraina. Il-konfiski f'dik il-fruntiera kienu l-aktar ta' armi "kiesħa" (li ma jinkludux il-kategorija tal-armi tan-nar) u daww pnewmatiċi jew snieter tal-kaċċa bil-munizzjon assoċjat magħhom waqt li kienu qed jiġu ttrasportati mill-Ukraina lejn ir-Repubblika tal-Moldova³⁶.

4.2. Impatti possibbli ewlenin

Il-liberalizzazzjoni tal-viża mhix probabbli li jkollha effett kbir fuq l-imġiba u l-mod kif joperaw il-GKO "aktar strutturati", minħabba li dawn diġà huma kapaċi, anke taħt ir-reġim attwali tal-viża, biex jimmaniġġjaw iċ-ċaqliq bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova. Madankollu, meta wieħed iqis li l-kompetenza li jipprovdu biex iduru mar-restrizzjonijiet tal-

³⁴ Il-Qafas Strateġiku kien approvat mill-Prim Ministru Filat u l-Kummissarju Šemeta permezz ta' skambju ta' ittri f'Ottubru tal-2011.

³⁵ Sigaretti "bojod u ordinarji" huwa t-terminu tal-industrija tat-tabakk għas-sigaretti manifatturati kompletament b'mod indipendenti mill-manifatturi tradizzjonali tat-tabakk. Huma marki ordinarji ta' sigaretti manifatturati legalment, iżda li jsiru speċifikament għall-kuntribandu għax m'għandhom l-ebda suq leġittimu. Ta' spiss ikollhom kwalità raġonevoli u konsistenti, u jipprovdu alternattiva tajba għas-sigaretti foloz, li l-kwalità tagħhom tista' tvarja sew. Dan l-aħħar l-UE għet inondata bil-kuntribandu ta' sigaretti Jin Ling, marka ġdida li l-awtoritajiet sa f'it snin ilu virtwalment ma kinux jafu biha. Il-popolarità ta' Jin Ling tant kbira li qed tħabbatha mal-Marlboro bħala l-aktar marka bil-kuntribandu kkonfiskata fl-UE.

Imperial Tobacco Limited (ITL) hi r-raba' l-ikbar manifattur internazzjonali tat-tabakk. Huma jikkalkulaw li madwar 20 fil-mija tal-prodotti tat-tabakk foloz kollha riferuti lilhom mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi huma manifatturati illegalment fl-Ukraina u fir-Repubblika tal-Moldova.

³⁶ Meta mqabbel mal-2010, fl-2011 in-numru ta' attentati rilevati għat-trasport illegali ta' munizzjon naqas b'31%. Fl-istess ħin, in-numru ta' munizzjon rilevati żdied b'36% (2011 – 1.995 biċċa, 2010 – 1.269 biċċa). Fil-parti l-kbira tal-każijiet, il-munizzjon inġarr mill-Ukraina lejn ir-Repubblika tal-Moldova, primarjament (74%) permezz ta' punti ta' qsim tal-fruntieri tal-art. Fl-2011, f'sitt każijiet, 3,65 kg ta' splussivi ġew issekwestrati fuq il-fruntiera konġunta (kontra l-erba' każijiet u 1.47 kg fl-2010). Fl-2011 ġew rilevati porvli biss (3,65kg), filwaqt li fl-2010 ġew rilevati mhux biss porvli (1,2kg) iżda wkoll trotyl (0,27 kg). 90% tal-ħatja huma ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova li jittrasportaw il-porvli illegalment għall-iskopijiet tal-kaċċa. Fl-2011 kull każ ta' trasport illegali ta' splussivi ġie rilevati fil-punti tal-qsim tal-fruntiera waqt li kienu qed jiġu trasferiti mill-Ukraina lejn ir-Repubblika tal-Moldova. Mill-kwantità ġenerali ta' armi rilevati, il-parti sinifikanti kienu magħmula minn armi ta' xokk elettriku, daww pnewmatiċi, armi kieseha u armi tal-kaċċa. Ġew rilevati wkoll armi tan-nar (seba' biċċiet) u armi tal-gass (żewġ biċċiet). Il-kategorija prinċipali ta' persuni li ppruwaw jittrasportaw l-armi b'mod illegali huma ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova (53%) u l-Ukraina (28%). Ma ġiex rilevati materjal radjuattiv fuq il-fruntiera komuni. Fl-2010-2011 ġew irrekordjati żewġ każijiet ta' qbid ta' sustanzi radjuattivi fir-Repubblika tal-Moldova. Dawn oriġinaw mir-Russja u segwew ir-rotta li tgħaddi mill-Ukraina biex jerġa' jinbiegħ.

viża hija waħda mir-raġunijiet tas-suċċess tagħhom (speċjalment fit-THB u l-iffaċilitar tal-immigrazzjoni irregolari) il-liberalizzazzjoni tal-viża tnaqqas id-domanda għal tali kompetenza.

Hu aktar probabbli li l-GKO "anqas strutturati" b'xi mod jibbenefikaw minn reġim ħieles mill-viża. Għalkemm l-attivitajiet ta' dawn il-gruppi huma inqas estensivi, l-aċċess tagħhom lejn l-UE jista' jbidel l-*istatus quo* kriminali attwali (pereżempju billi jsir aktar faċli għalihom li jidħlu f'attivitajiet kriminali ġodda).

Għalkemm hu diffiċli li wieħed jevalwa fuq il-bażi tat-tagħrif disponibbli, għandha tkompli tkun immonitorjata il-firxa tat-theddida li jippreżentaw il-GKO tal-Moldova lill-UE. **Il-liberalizzazzjoni tal-viża tista' tbiddel id-dinamika attwali tal-attivitajiet kriminali.** Madankollu, huwa diffiċli li jiġi previst f'dan l-istadju sa fejn il-liberalizzazzjoni tal-viża se jkollha impatt fuq kull waħda minnhom.

i) Traffikar tal-bnedmin (THB)

Fir-rigward tat-THB, il-liberalizzazzjoni tal-viża jista' jkollha impatt fuq il-GKO attivi f'dan il-qasam, kif ukoll fuq il-vittmi u r-rotot. Il-GKO tal-Moldova huma attivi fil-qasam tar-reklutaġġ tal-vittmi u dwar it-trasport tal-vittmi lejn l-UE; reġim ħieles mill-viżi jista' joffri lill-GKO fl-UE li għandhom ħakma soda tas-swieq kriminali tal-UE, l-opportunità biex jaqbru lill-GKO tal-Moldova u jimpjegaw il-vittmi tagħhom direttament.

Fl-istess ħin, vittmi potenzjali ta' traffikanti tal-bnedmin, li ma jibqax ikollhom bżonn ta' għajjuna illeċita biex jaqsmu l-fruntiera, jistgħu jippruvaw jidħlu fl-UE waħedhom, u b'hekk **titnaqqas waħda mill-attivitajiet kriminali ewlenin tal-GKO.** Wieħed mis-"servizzi" offriti mit-traffikanti hija t-trasport tal-vittmi fl-UE, fejn ta' spiss ikunu mibjugħa u sfruttati minn GKO oħra. Reġim mingħajr viża fil-fatt ixejjen il-ħtieġa għal tali "servizz", peress li l-vittmi ma jkollhomx bżonn aktar l-għajjuna tal-GKO. Sabiex jiġi evitat tnaqqis fin-numru tal-vittmi u t-tnaqqis fil-qligħ, il-GKO jistgħu jiġu inklinati li jiddefinixxu strateġiji ġodda u jidħlu għal attivitajiet kriminali ġodda.

ii) Iffaċilitar ta' immigrazzjoni irregolari

Taħt reġim mingħajr viża, ir-Repubblika tal-Moldova tista' ssir aktar attraenti għall-GKO differenti li jittrasportaw migranti irregolari iżda ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ċara f'din id-direzzjoni (ara wkoll it-taqsim 3 hawn fuq).

iii) Traffikar tad-drogi

Mhuwiex probabbli li l-Moldova ssir ċentru tat-traffikar tad-droga. Jista' jkun li l-pajjiż jintmess b'mod tengenzjali mir-Rotta tat-Tramunata³⁷, u hu possibbli li xi GKO tal-Moldova jistgħu temporanjament jaħżnu d-drogi fir-Repubblika tal-Moldova.

Rigward il-fruntiera bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukraina x'aktarx li jibqa' kif inhu l-livell tar-riskju ta' bħalissa fir-rigward tat-trasport illegali tan-narkotiċi, speċjalment drogi sintetiċi, permezz tal-BCP tat-triq.

iv) Kriminalità Organizzata tal-Proprjetà

Il-kriminalità tal-proprjetà, f'bosta mit-tipoloġiji differenti kollha tagħha, tista' tkun waħda mill-aktar oqsma affettwati. Il-GKO tal-Moldova involuti fil-kriminalità tal-proprjetà jistgħu jisfruttaw il-liberalizzazzjoni tal-viża u jistgħu jikkooperaw mal-GKO diġà stabbiliti fl-UE.

v) Kuntrabandu ta' oġġetti b'dazju għoli

³⁷ <https://www.europol.europa.eu/content/press/europol-organised-crime-threat-assessment-2011-429>.

Impatt importanti possibbli jista' jkun il-kuntrabandu tas-sigaretti li jista' jidher bħala attività kriminali faċli biex tmexxiha b'riskju baxx u profitt għoli.

vi) Traffikar tal-armi

L-informazzjoni attwali disponibbli ma tagħtix indikazzjonijiet ta' impatt possibbli li reġim ħieles mill-viżi jista' jkollu fuq it-traffikar tal-armi. Għalkemm il-livell attwali tar-riskju tat-traffikar tal-armi mhuwiex għoli skont l-indikaturi tal-konfiski u informazzjoni oħra disponibbli bħalissa, għandha tingħata attenzjoni lejn l-opportunitajiet potenzjali ta' kuntrabandu tal-armi b'konnessjoni mal-ħażna ta' armi u l-munizzjon fir-reġjun Transnistrijan.

Fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, il-miżuri li ġejjin għandhom jiġi kkunsidrati:

Mir-Repubblika tal-Moldova, f'konformità mal-PALV

- Issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-viċinat. Issaħħaħ il-kooperazzjoni bilaterali u internazzjonali u skambju ta' informazzjoni fuq id-dejta statistika u analitika u dejta/intelligence tattika/operazzjonali, permezz ta' miżuri bħal bidu/parteċipazzjoni f'operazzjonijiet transkonfinali konġunti, timijiet konġunti ta' investigazzjoni, u timijiet konġunti ta' intelligence, tiffaċilita l-iskambju ta' uffiċjali ta' kollaborazzjoni f'dawn l-operazzjonijiet, toffri taħriġ għat-twettiq ta' ta' kontrolli konġunti tal-fruntiera u dawk doganali.
- Ittejjeb it-taħriġ u l-bini tal-kapaċità fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni internazzjonali dwar id-dwana u l-infurzar tal-liġi.
- Tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-EUBAM.
- Tikkoordina l-attivitajiet ta' kontroll fuq il-fruntiera komuni. Tiskambja l-intelligence u ssaħħaħ valutazzjoni komuni dwar is-sitwazzjoni fil-livell operazzjonali.
- Ittejjeb il-ġbir tad-dejta fuq il-kriminali u l-GKO fil-livell nazzjonali fost l-oħrajn billi jiġu stabbiliti u/jew jitjiebu l-bażijiet tad-dejta nazzjonali.
- Tkompli bl-isforzi biex ittejjeb indikaturi ta' dejta u l-ġbir ta' dejta dwar il-kriminalità fl-oqsma kollha tal-kriminalità.
- Issaħħaħ is-sistema tal-ġudikatura, inkluż il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, b'mod partikolari assistenza legali reċiproka.
- Timplimenta azzjonijiet kontra l-korruzzjoni bħala kwistjoni ta' prijetà fl-oqsma kollha, kif ukoll fir-rigward tal-aspetti usa' tal-istat tad-dritt. *L-awtoritajiet nazzjonali għandu jkollhom il-kapaċità li jiġġieldu kontra l-korruzzjoni fil-livelli kollha – ċentrali, reġjonali, lokali u speċifiċi għas-settur, filwaqt li tingħata attenzjoni partikulari lill-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet doganali.*
- Tiżgura l-protezzjoni effettiva tax-xhieda tat-THB, u ttejjeb aktar il-protezzjoni, l-assistenza u l-appoġġ lil vittmi tat-THB.

Mill-UE u l-Istati Membri

- Iżidu l-operazzjonijiet fin-numru u l-firxa mmexxija permezz tal-kooperazzjoni internazzjonali u bejn l-aġenziji, wara l-iffissar ta' objettivi minn fuq għal isfel. Il-Europol jista' jaġixxi bħala l-pjattaforma għall-koordinazzjoni ta' operazzjonijiet multilaterali tal-infurzar tal-liġi f'dan ir-rigward. L-informazzjoni miġbura matul

dawn l-operazzjonijiet għandha tiġi sussegwentement użata fl-abbozzar ta' valutazzjonijiet iffukati tat-theddid u r-riskju.

- Isaħħu l-kontroll tal-fruntieri skont il-Kodiċi tal-Fruntieri Schengen u l-Komunikazzjoni dwar il-Fruntieri Intelligenti³⁸ sabiex ikollhom post f'sistema effettiva biex jiġu rilevati u jkun hemm reazzjoni għal permanenzi mtawla, u sabiex jiġu rilevati attivitajiet possibbli marbuta mal-kriminalità organizzata.
- B'konformità mal-"Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012-2016"³⁹, għandhom jittieħdu azzjonijiet speċifiċi, speċjalment rigward minorenni. Huwa importanti li wieħed jinnota f'dan il-kuntest li l-FRONTEx dalwaqt se toħroġ gwida ta' taħriġ ta' kontra t-traffikar għall-gwardjani tal-fruntieri u li l-Kummissjoni fl-2012 se toħroġ linji gwida għal servizzi konsulari u gwardjani tal-fruntiera għall-identifikazzjoni tal-vittmi.

Mill-UE, l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Moldova

- Għandha tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri u tal-Moldova, inkluż il-qsim tal-informazzjoni mal-Europol.
- Għandha tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Moldova mal-kontropartijiet tagħhom fl-Istati Membri tal-UE dwar il-protezzjoni u l-ġhajna, inkluż l-identifikazzjoni u r-riferiment tal-vittmi tat-THB u r-ritorn sigur tagħhom.
- Il-proċeduri tal-konfiska tal-assi għandhom jiġu miftiehma mal-awtoritajiet tal-Moldova, sabiex tiġi rkuprata proprjetà misruqa jew il-profitt minnha, u biex jitnaqqas il-poter finanzjarju tal-GKO, u b'hekk jiġi ffaċilitat iż-żarmar tagħhom.
- Għandhom jiġu żviluppati valutazzjonijiet tat-theddid u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kriminalità serja fuq bażi regolari, taħt il-patroċinju tal-Europol, u fejn xieraq bl-appoġġ tal-mezzi tal-Interpol. Għandha tinġabar dejta komparattiva dwar il-kriminalità skont indikaturi definiti komunement.
- Għandhom jissaħħu l-iskambju tal-aħjar prassi u t-taħriġ tas-servizzi tal-infurzar tal-liġi.
- Għandha tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Moldova sabiex jiġi ttrattat il-kummerċ illegali ta' oġġetti bid-dazju għoli.

5 - KWISTJONIJIET ORIZZONTALI

Fuq il-bażi ta' ċifri pprovduti mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Moldova tal-Istatistika u l-awtoritajiet *de facto* Transnistrijani, il-popolazzjoni totali tar-Repubblika tal-Moldova kienet madwar 4.075.000 fl-2011.

5.1. Minoranzi

5.1.1. Is-sitwazzjoni attwali

Il-protezzjoni tal-minoranzi kontra d-diskriminazzjoni hija ggarantita minn dispożizzjonijiet speċifiċi fil-Kostituzzjoni, u f'liġijiet kriminali, ċivili u amministrattivi. Id-drittijiet tal-

³⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Fruntieri Intelliġenti - alternattivi u t-triq 'il quddiem, COM (2011) 680 finali.

³⁹ Ara COM (2012) 286 finali.

minoranzi, ġew imsaħħa aktar wara l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni fil-25 ta' Mejju⁴⁰.

Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Moldovani, is-segwenti minoritajiet etniċi jgħixu fir-Repubblika tal-Moldova: 311.902 Ukraini, 236.087 Russi, 131.811 Gagauz, 68.928 Bulgari u 14.202 Roma⁴¹.

Taħt il-Kostituzzjoni, tal-Moldova, l-Unità ta' Awtonomija Territorjali tal-Gagauzia tgawdi r-rikonoxximent u l-promozzjoni tad-drittijiet politiċi, soċjali u kulturali tagħha, inkluż id-dritt għall-popolazzjoni tagħha li tuża lingwa Gagauz fil-materji amministrattivi.

Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Moldova għandha leġiżlazzjoni liberali dwar il-lingwa, li tagħti lil dawk li jgħidulha r-Russu (inkluż, apparti l-minoranza Russa, parti sinifikanti tal-maġġoranza etnika Molodovana u tal-minoranza etnika Ukraina) id-dritt għall-aċċess għall-informazzjoni uffiċjali bir-Russu u l-opportunità li jirċievu l-edukazzjoni bl-ilsien Russu.

F'dak il-kuntest ġenerali, il-kwistjonijiet tal-minoranzi huma fil-biċċa l-kbira limitati għal dawk tal-komunità tar-Roma, li l-Gvern tal-Moldova impenja ruħu li jindirizza b'mod attiv, billi jinħatru Medjaturi tal-Komunità tar-Roma bl-għajnuna tal-UNICEF u tal-Kunsill tal-Ewropa, u jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni tiegħu dwar l-Appoġġ għar-Roma 2011-2015, li għalih ġie allokat baġit speċifiku fil-Qafas Baġitarju tal-pajjiż għal Medda Medja ta' Żmien.

5.1.2. Impatti possibbli ewlenin

Il-Gvern tal-Moldova huwa ġeneralment meqjus, inkluż permezz tal-organizzazzjonijiet speċjalizzati tas-soċjetà ċivili lokali, bħala wieħed li jagħmel sforzi serji biex itejjeb malajr ir-rekord tar-Repubblika tal-Moldova fir-rigward tat-trattament tal-minoranzi etniċi tiegħu, partikolarment tal-minoranza Roma. L-adozzjoni tal-Liġi dwar l-Iżgurar tal-Ugwaljanza fil-25 ta' Mejju 2012 jipprovdi garanziji addizzjonali f'dak ir-rigward. Ġie adottat Pjan Direzzjonali fuq il-livell ta' ħidma (biex jiġi inkluż fil-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li attwalment qed jiġi emendat) f'Ġunju tal-2012 biex jiggwida l-applikazzjoni tal-liġi msemmija hawn fuq, u ġie mwaqqaf Kunsill tal-Ugwaljanza fil-5 ta' Lulju 2012 permezz ta' Digriet tal-Gvern li se jkun il-punt ta' referenza għall-vittmi ta' diskriminazzjoni. Għalhekk wieħed għandu jistenna li l-kwistjonijiet tal-minoranzi m'għandux ikollhom impatt imdaqqs fuq il-migrazzjoni u s-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-kuntest tal-liberalizzazzjoni tal-viża. Barra minn hekk, kif ġie indikat aktar kmieni (ara t-Taqsim 4 hawn fuq), hija l-lingwa aktar milli l-oriġini etnika li tinsab fis-sisien tal-kostituzzjoni u l-kooperazzjoni tal-GKO, inkluż fir-Repubblika tal-Moldova.

Fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, il-miżuri li ġejjin għandhom jiġi kkunsidrati:

Mir-Repubblika tal-Moldova, f'konformità mal-PALV:

- Tkompli timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar id-Drittijiet tal-Bniedem 2011-2014 u tkompli tfittex involviment tal-komunità internazzjonali sabiex tindirizza kwistjonijiet tal-minoritajiet.
- Tassigura l-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, skont standards Ewropej u internazzjonali, partikolarment billi toħroġ linji gwida

⁴⁰ "Il-liġi dwar l-Iżgurar tal-Ugwaljanza" ġiet adottata f'Mejju tal-2012. Ara COM(2012) 348 finali (mhux disponibbli bil-Malti).

⁴¹ Skont iċ-ċensiment tal-popolazzjoni fl-2004, hemm 12 271 Roma (jew 14 202 – id-dejta hi inkonsistenti fost is-sorsi disponibbli). Madankollu, l-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova jammettu li huwa diffiċli li jiġi stmat l-għadd eżatt, minħabba l-fatt li l-etniċità tar-Roma ħafna drabi ma tkunx iddikjarata uffiċjalment. Il-mexxejja tal-komunità Roma jsemmi ċifri oġġla.

komprensivi u billi ddaħħal fis-seħħ Kunsill tal-Ugwaljanza li jaħdem.

- Issostni bl-isforzi finanzjarji tagħha biex jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Appoġġ tar-Roma 2011-2015 b' mod effettiv u konsistenti.

5.2. Ir-reġjun tat-Transnistrija

5.2.1. Il-Qagħda Attwali

L-awtoritajiet kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Moldova ma għandhom *de facto* l-ebda kontroll fuq ir-reġjun tat-Transnistrija ("Transnistrija") li jrid jinqata' għalih, kif ukoll fuq il-parti ċentrali tal-fruntiera bejn l-Ukraina u l-Moldova. L-awtoritajiet *de facto* f'Tiraspol jikkunsidraw ix-xmara Nistru bħala fruntiera li għandha tiġi kkontrollata mill-gwardji tal-fruntiera u l-uffiċjali tad-dwana tagħhom, li huma skjerati f'postijiet fl-hekk imsejħa żona ta' sigurtà (buffer). Chisinau kif ukoll il-komunità internazzjonali, li ma rrikonoxxewx l-indipendenza ta' "Transnistrija", jikkunsidraw ix-xmara Nistru bħala l-konfini amministrattivi interni kkontrollati mill-pulizija. Għal raġunijiet fiskali, l-uffiċjali doganali tal-Moldova joperaw ukoll tul il-linja tal-konfini amministrattivi interni⁴².

Is-sitwazzjoni attwali tippreżenta ostakli addizzjonali għal prestazzjoni effettiva u effiċjenti tal-kontrolli. L-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova jridu jħabbtu wiċċhom ma' diversi sfidi biex jiċċekkjaw dawk il-barranin li jidħlu/joħorġu mir-Repubblika tal-Moldova mit-"Transnistrija". B'mod partikolari, il-persunal tal-pulizija fil-Karigi Interni tal-Kontroll Doganali (ICCPs) m'għandhomx biżżejjed rekords dwar il-barranin u għandhom diffikultajiet biex iwettqu kontrolli tal-passaport ta' barranin u biex jiddeċiedu jekk humiex eliġibbli għad-dħul fir-Repubblika tal-Moldova (ir-rispett tar-reġim tal-viżi). Fuq il-bażi ta' ftehim ta' kooperazzjoni ffirmat f'Lulju 2010 mir-rappreżentanti tal-pulizija min-naħa tal-lemin u tax-xellug tax-xmara Nistru, Chisinau u Tiraspol jiskambjaw informazzjoni rigward persuni mfittxija u rekords kriminali dwar abitanti residenti taż-żewġ naħat.

Ir-riforma fil-Ministeru tal-Intern, il-ħolqien tal-Pulizija tal-Fruntieri kif ukoll id-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar il-Funtiera tal-Istat tar-Repubblika tal-Moldova fl-1 ta' Lulju 2012⁴³ wisq probabbli se jkollhom impatt pożittiv fuq is-sitwazzjoni attwali. L-awtoritajiet tal-Moldova fasslu pjan biex jikkontrollaw il-flussi migratorji permezz tar-reġjun Transnistrijan. Barra minn hekk, il-kontrolli doganali tul il-parti Transnistrijana tal-fruntiera bejn il-Moldova u l-Ukraina jsiru mill-Ukraina f'isem, u b'rabta mar-Repubblika tal-Moldova, bl-applikazzjoni tal-ftehim tal-2005 dwar Reġim Doganali Konġunt bejn iż-żewġ pajjiżi (implimentat bl-għajjnuna tal-EUBAM).

Minn Jannar tal-2012 il-koperazzjoni fi kwistjonijiet doganali bdiet tiġi estiża għall-kkontrolli oħra fuq il-fruntieri. Twaqqaf fuq bażi pilota "Punt ta' kontroll fuq il-fruntieri mħaddem b'mod konġunt" f'Rososhany-Briceni, fit-Tramuntana tar-Repubblika tal-Moldova. Dan l-

⁴² Bħalissa hemm 20 punt ta' kontroll fuq ix-xatt tal-lemin tax-xmara Nistru matul il-linja tal-konfini li hi twila 411 km. L-għan ewlieni ta' dawn il-punti ta' kontroll huwa li jwettqu kontrolli tal-pulizija u tad-dwana fuq movimenti ta' passiġġieri u merkanzija. Il-kontrolli jiġu mwettqa mis-Servizz Doganali u l-Ministeru tal-Intern tar-Repubblika tal-Moldova. Hemm 16-il punt ta' kontroll fuq il-fruntiera internazzjonali u 11-il stazzjon tal-pulizija matul il-linja amministrattiva mar-reġjun Transnistrijan, li huma konnessi onlajn mal-bażi tad-dejta tal-Interpol dwar id-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqa jew Mitlufa (SLDT). Hemm ukoll 14-il Post Intern ta' Kontrolli Doganali (ICCPs), li minnhom tnejn huma għat-trasport ferrovjarju u mhumex konnessi mal-SLTD tal-Interpol. Hemm ukoll pjanijiet kontinwi biex jiġu mmobilizzati punti ta' kontroll mal-fruntiera (BCPs) bejn il-Moldova u l-Ukraina matul il-parti ċentrali tal-fruntiera (fuq territorju tal-Ukraina). L-ewwel BCP operat b'mod konġunt infetaħ f'Rososhany-Briceni f'Jannar tal-2012, bl-applikazzjoni ta' Protokoll bejn servizzi msieħba taż-żewġ pajjiżi.

⁴³ Ara COM(2012) 348 finali (mhux disponibbli bil-Malti).

esperiment qiegħed jiġi mmobilizzat gradwalment għal BCPs oħra fuq il-fruntieri komuni, bil-ħsieb li jippermetti kontroll konġunt fuq il-fruntieri fuq il-parti tat-Transnistrija permezz ta' gwardji tal-fruntieri (pulizija tal-fruntieri) u timijiet tad-dwana magħmula minn persunal imħallat bejn Moldovi u Ukraini.

Barra minn hekk, il-EUBAM qed jassisti lill-awtoritajiet Moldovi fit-tisħiħ tal-użu ta' Unitajiet Mobbli billi jagħti aktar enfasi dwar l-analiżi tar-riskju u l-attivitajiet immexxija mill-intelligence. L-awtoritajiet tal-Moldova esprimew li huma lesti li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-EUBAM u, mill-1 ta' Lulju 2012, waqqfu s-servizz tal-Pulizija tal-Fruntiera bil-ħsieb li jwettqu kontrolli fuq il-fruntieri fuq il-konfini amministrattivi interni tul ix-xmara Nistru.

Rigward is-sigurtà tad-dokumenti, skont l-aħħar informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet tal-Moldova, 229.489 ċittadin tar-Repubblika tal-Moldova li jgħixu fir-reġjun Transnistrijan inhargulhom passaporti tal-Moldova, li minnhom 175.764 passaport għadhom validi (jiġifieri mhux skaduti). Matul l-ewwel tliet xhur tal-2012 l-awtoritajiet f'Chisinau ħarġu 2.722 passaport bijometriku għaċ-ċittadini tal-Moldova li jgħixu fir-reġjun Transnistrijan. Il-Ministeru tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni, b'kooperazzjoni mal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ministeru tal-Intern, żviluppaw qafas ġuridiku komprensiv għall-proċeduri ta' identifikazzjoni, mal-ewwel dokumentazzjoni, ta' persuni mir-reġjun ta' Transnistrija, abbażi ta' informazzjoni addizzjonali dwar il-membri familjari u l-qraba (dokumenti oriġinarji ta' ġenituri, ċertifikati taż-żwieġ u oħrajn)⁴⁴.

Barra minn hekk, ġie riattivat grupp ta' ħidma bilaterali għall-bini ta' fiduċja dwar l-istatus ċivili, minn mindu ġie elett il-"President" Shevchuk f' "Transnistrija" f'Diċembru tal-2011, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni fil-futur. Fil-preżent, l-awtorità ta' reġistrazzjoni nazzjonali qed tapplika miżuri speċjali biex tikkonforma ċ-ċittadinanza u tipprovi aċċess għall-karti tal-identità nazzjonali bla ħlas għall-abitanti mir-reġjun tat-Transnistrija, b'konformità mal-Liġi emendata dwar iċ-Ċittadinanza tat-2 ta' Ġunju 2000 u d-Deċiżjoni tal-Gvern tad-9 ta' Settembru 2005 dwar miżuri ta' sigurtà relatati mal-konferma taċ-ċittadinanza u d-dokumentazzjoni tal-popolazzjoni mid-distretti tar-reġjun Transnistrijan⁴⁵. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet kriminali bejn Chisinau u Tiraspol kienet u għadha attiva.

5.2.2. Impatti possibbli ewlenin

Il-Gvern Moldovan kompla jindirizza attivament is-sitwazzjoni fir-reġjun Transnistrijan. Il-koperazzjoni fi kwistjonijiet relatati mal-liberalizzazzjoni tal-viża – inklużi kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem – ġew identifikati minn Chisinau u Tiraspol bħala prijoritajiet għal miżuri u attivitajiet biex tinbena l-fiduċja, li kienet riflessa kif jixraq fil-programm ta' ħidma tan-negożjati bil-format "5 + 2" dwar is-soluzzjoni tal-konflitt Transnistrijan.

Sakemm ma jkunx hemm riżultati konkreti minn din il-kooperazzjoni msaħħa, il-miżuri intermedjarji introdotti minn Chisinau, xi drabi b'kooperazzjoni mal-Ukraina, se jkomplu joffru qafas iddefinit b'mod ċar għall-iżgurar tas-sigurtà tad-dokumenti u tal-fruntieri.

⁴⁴ Ara COM(2012) 348 finali (mhux disponibbli bil-Malti).

⁴⁵ Ara COM(2012) 348 finali (mhux disponibbli bil-Malti).

Fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, il-miżuri li ġejjin għandhom jiġi kkunsidrati:

Mir-Repubblika tal-Moldova

- Ittejjeb il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien, b'mod partikolari mal-Ukraina;
- Tkompli ssostni l-kooperazzjoni mal-EUBAM u timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-EUBAM dwar it-titjib u tintensifika l-użu ta' unitajiet mobbli⁴⁶;
- Tkompli l-kooperazzjoni tajba mal-awtoritajiet *de facto* ta' Tiraspol, li tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-ħruġ ta' dokumenti kif ukoll dwar l-aspetti tal-infurzar tal-liġi;
- Iżżid l-isforzi biex jingħelbu l-isfidi possibbli tal-migrazzjoni u s-sigurtà u ssib soluzzjonijiet possibbli għat-titjib ta' kontrolli mingħajr preġudizzju għall-proċess tan-negożjati "5 + 2".

⁴⁶

Il-White Paper tal-EUBAM tas-6 ta' Awwissu 2010, li tinkludi numru ta' proposti bbażati fuq analiżi ta' riskju, attivitajiet ta' unitajiet mobbli mmexxija mill-intelligence (kontrolli interni) u mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bejn l-istrutturi rilevanti tal-infurzar tal-liġi minn Chisinau u Tiraspol.